MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 282/1977/4

**Peter Cassar Torregiani, Dottor Joseph Apap Bologna u**

**Edgar Montanaro Gauci bhala diretturi u in rapprezentanza**

**tas-socjeta` NBM Investments Limited**

**v.**

**Onorevoli Dominic Mintoff, fil-kwalita` tieghu**

**ta' Prim Ministru ta' Malta, Onorevoli Dottor Joseph Abela,**

**fil-kwalita` tieghu ta' Ministru tal-Finanzi u Dwana**

**u Maurice Abela, Denis Degiorgio u Antonio Tagliaferro personalment u bhala komponenti tal-Kunsill**

**ta' Amministrazzjoni mwaqqaf bis-sahha ta' l-Att XLV ta' l-1973; u b'Nota tat-13 ta' Frar, 1980,**

**l-Onorevoli Dottor Joseph Cassar assuma l-atti tal-kawza minflok l-Onorevoli Dottor Joseph Abela;**

**u b'Nota tad-29 ta' Frar, 1988,**

**il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi assumew l-atti tal-kawza minflok l-Onor. Dom Mintoff u l-Onor. Joseph Abela**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li ressqu l-atturi fis-16 ta' Settembru, 1976, u li jaqra hekk:

> "U hemmhekk, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha necessarji, billi Maria Colombos, Ida von Brockdorff, Alice von Brockdorff u b'nota tad-29/2/88 il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi assumew l-atti flok Onor. Dom. Mintoff u Dr. Joseph Abela u Vera Calleja Gera (proprjetarji tal-azzjonijiet 1275, 2338, 1620 u 4268 fis-socjeta` "The National Bank of Malta Limited") iffirmaw fi Frar-Marzu 1974 skritturi ta' trasferiment lill u favur il-Gvern "for no consideration" tal-imsemmija azzjonijiet ('shares'); u wara u in forza tal-istess skritturi l-Gvernn assuma u gie rikonoxxut mill-konvenuti l-ohra bhala l-proprjetarju legali tal-imsemmija azzjonijiet;

"U billi l-imsemmija skritturi ta' trasferimenti huma nulli sija fis-sustanza (ghaliex affetti minn vizju tal-kunsens minhabba zball u vjolenza u ghaliex minghajr kawza) u sija fil-forma (ghaliex ma gewx debitament bollati skont il-ligi u ghaliex bhala donazzjoni ma sarux b'kuntratt pubbliku);

"U billi l-imsemmija Colombos, von Brockdorff u Calleja Gera ittrasferew id-drittijiet taghhom kollha, inkluzi dawk litiguzi relattivi, derivanti mill-imsemmija azzjonijiet, lis-socjeta` attrici;

"U billi, nonostanti l-protesti tal-imsemmija azzjonarji u tal-atturi, il-konvenuti baqghu ma ammettewx in-nullita` tat-trasferimenti u komplew jagixxu bhallikieku l-istess trasferimenti kienu validi fil-ligi;

"Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, ma ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li t-trasferimenti maghmula mill-imsemmija Maria Colombos, Ida vo Brockdorff, Alice von Brockdorff u u b'nota tad-29/2/88 il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi assumew l-atti flok Onor. Dom. Mintoff u Dr. Joseph Abela u Vera Calleja Gera lill-Gvern tal-imsemmija azzjonijiet f' "The National Bank of Malta Limited" fi Frar-Marzu 1974 "without consideration" huma, ghall-finijiet effetti kollha tal-ligi, nulli u bla effett ghaliex affetti minn vizju tal-kunsens, ghaliex huma minghajr kawza, ghaliex ma gewx debitament bollati kif trid il-ligi, u ghaliex ma sarux b'kuntratt pubbliku.

"Bl-ispejjez (komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Awwissu 1976) kontra l-konvenuti, ingjunti, ingjunti minn issa ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra kompetenti lill-atturi kontra l-konvenuti."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

"Illi preliminarjament, din il-Qorti mhix kompetenti 'ratione materiae' li tiehu konjizzjoni tal-kawza li tirrigwarda trasferiment ta' shares f'socjeta` kummercjali (art. 37(2) Kodici ta' Procedura Civli, flimkien mal-art. 5(e) tal-Kodici tal-Kummerc).

> “Illi subordinatament, id-domandi tal-attur huma infondati peress illi mhux biss it-trasferimenti hemm imsemmijin saru validament, bil-kunsens taghhom, meta x’shares ma kellhom ebda valur u minghajr ebda vjolenza, izda l-esponenti lanqas ma kellhom x’jaqsmu f’dawk it-trasferimenti li effettivament saru fuq l-inizzjattiva li hadu d-diretturi li kellu l-bank u bl-ghajnuna tal-ufficjali tal-bank imqabbdin mid-diretturi; l-iskritturi gew bollati; u t-trasferiment tax-shares lill-Gvern sar skont l-Artikolu 11(3) tal-Att tal-1973 biex jipprovdi temporanjament dwar in-National Bank u l-Bank ta’ Tagliaferro u gie approvat mill-Kunsill tal-Amministrazzjoni.
>
> “Illi ghalhekk id-domandi tal-attur ghandhom jigu michudin bl-ispejjez.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi l-azzjoni attrici ghar-rexxisjoni tat-trasferiment waqghet bil-preskrizzjoni skont l-Artikoli 1222 u 1223 tal-Kodici Civili.

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Ottubru, 2012, li biha u ghar-ragunijiet hemm imfissra, cahdet l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenuti dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici;

Rat is-sentenza li tat l-istess Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Jannar, 2014, li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-atturi billi sabet illi:

> “… … … ma ntweriex tajjeb biżżejjed fil-fatt li, fiċ-ċirkostanzi tal-erba’ persuni li dwarhom saret dik it-talba, seħħet xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tal-kitba ta’ assenjazzjoni tal-ishma minnhom magħmula; u

“**Tordna** li l-kumpannija attriċi tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk marbuta mas-sentenza *in parte* mogħtija fil-15 ta’ Ottubru, 2012, li jitħallsu mill-imħarrkin**.**”

Dik il-Qorti tat din l-ahhar sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta’ kitbiet ta’ trasferiment ta’ ishma li saru minn xi azzjonisti tan-*National Bank of Malta* bejn Frar u Marzu tal-1974 bla ħlas, u dan minħabba li qiegħed jingħad li l-kitbiet huma milquta minn vizzju tal-kunsens, għaliex saru mingħajr ma tħallas korrispettiv, għaliex ma kenux debitament bollati u għaliex ma sarux b’att pubbliku. L-azzjoni tressqet minn kumpannija li xtrat id-drittijiet litiġjużi tal-imsemmija azzjonisti;

“Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi qalu, b’mod preliminari, li l-Qorti ma kenitx kompetenti *ratione materiae* biex tisma’ l-kawża billi l-kawża tirrigwarda t-trasferiment ta’ ishma, liema att jikkostitwixxi att ta’ kummerċ. Fil-mertu laqgħu billi qalu li t-talba attriċi mhijiex mistħoqqa mhux biss għaliex it-trasferiment tal-ishma sar tajjeb u bil-kunsens tal-azzjonisti meta l-istess ishma ma kellhom l-ebda valur, iżda talli l-eċċipjenti ma kellhom l-ebda sehem fl-imsemmi trasferiment li effettivament sar fuq inizjattiva tad-diretturi li kellu l-bank u bl-għajnuna tal-uffiċjali tal-bank imqabbdin mill-istess diretturi. Żiedu jgħidu li l-kitbiet ta’ trasferiment kienu bollati u li t-trasferiment tal-ishma favur il-Gvern sar skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(3) tal-Att XLV tal-1973 u kien approvat mill-Kunsill ta’ Amministrazzjoni tal-istess bank;

“Illi l-eċċezzjoni dwar liema Qorti messha tisma’ l-każ inqatgħet b’mod definittiv bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Frar, 1977, billi laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni u qalet li l-kawża kellha tinstema’ mill-Qorti tal-Kummerċ;

“Illi għal żmien twil din il-kawża kienet tħalliet tistenna l-eżitu ta’ żewġ kawżi Kostituzzjonali (miftuħa minn uħud oħrajn mill-azzjonisti tal-Bank fl-1992[1]) u

[1] Rik. 389/92 u 390/92 u li s-sentenza f’din tal-ahhar qed tinghata illum ukoll minn din il-Qorti kif presjeduta

dan minbarra li bosta mill-imħallfin li quddiemhom ġiet assenjata l-kawża, għal raġuni jew oħra, astjenew milli jkomplu jisimgħuha;

"Illi, b'żieda ma' dan, fl-4 ta' Ġunju, 2010, l-imħarrkin ressqu l-eċċezzjoni ulterjuri li l-azzjoni tal-kumpannija attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikoli 1222 u 1223 tal-Kodiċi Ċivili;

"Illi b'sentenza mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2012, din il-Qorti ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni preliminari ulterjuri dwar il-preskrizzjoni;

"Illi, għalkemm kienu tressqu ħafna xhieda dwar il-mertu tal-kawża, u minkejja li saru Noti b'sottomissjonijiet, sa wara li tqajmet l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri, l-ebda waħda mill-partijiet ma kienet ressqet sottomissjonijiet dwar aspetti tal-mertu tal-kwestjoni li dwarha saret din il-kawża u n-noti mressqa x'aktarx iffukaw fuq il-kwestjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali li huma l-qofol tal-kawżi konnessi ma' din. Dan sar fuq stedina ta' din il-Qorti, u tressqu s-sottomissjonijiet mill-partijiet bejn Novembru tal-2012 (min-naħa tal-imħarrkin) u Frar tal-2013 (min-naħa tal-atturi);

"Illi l-Qorti issa tista' taqta' dwar il-mertu tal-kwestjoni;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li bejn it-3 ta' Jannar, 1974 u l-5 ta' Jannar, 1974, Maria Colombos, Violet Calleja (Gera), Alice von Brockdorff, u Ida von Brockdorff (flimkien ma' Eileen u Joseph Benċini), li lkoll kienu azzjonisti fin-*National Bank of Malta Limited* (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bank"), iffirmaw dokumenti biex jittrasferixxu l-ishma li huma kellhom fil-Bank lill-Gvern ta' Malta, rappreżentat fuq kull waħda mill-imsemmija kitbiet minn Ronald Chalmers[2]. Fl-ebda wieħed minn dawn it-trasferimenti ma sar ħlas lil min kien qed jittrasferixxi l-ishma. Fil-każ tal-kitba ta' Ida von Brockdorff u l-miżżewġin Benċini, tniżżel in-notament li "*This transfer covers only fifty percent of the abovementioned shares, that is 25% (twenty five per cent) belongs to Mrs Ida Brockdorff and 25% twenty five per cent) belonging to Mrs Eileen Benċini as the other 25 % belong to ... and the remaining 25% will eventually be inherited by another person. This transfer is being effected on the understanding that such a transfer to Government is absolutely essential and indispensable for the Bank to continue to operate*";

[2] Dokti "E" sa "Ħ", f'paġġ. 43 – 6 tal-proċess

"Illi ftit żmien qabel ma saru l-imsemmija trasferimenti, u preċiżament b'seħħ minn l-aħħar jiem ta' Novembru tal-1973, għadd kbir ta' persuni li kellhom depożiti fil-Bank kienu bdew jiġbdu l-flus tagħhom. Fis-sitta (6) ta' Diċembru, 1973, deher li minn żewġ fergħat partikolari tal-Bank kienu qegħdin jinġibdu mid-depożitanti ammonti mhux tas-soltu[3]. Kulma jmur, din ix-xejra bdiet titqawwa sa ma fil-11 ta' Diċembru, 1973, nġibdet somma kbira u d-diretturi tal-Bank bdew jitħassbu tassew dwar dak li kien qed jiġri, minħabba li l-ġbid konsistenti ta' flus min-naħa tad-depożitanti tal-Bank kien waqqa' l-likwidita' tiegħu għal livell aktar baxx minn dak mitlub mil-liġi[4]. Fil-fatt kien hemm "*run*" fuq il-Bank u dan kien sar fatt magħruf mill-pubbliku u lill-Gvern, li jidher li saħansitra hedded li jiġbed mill-Bank id-depożiti f'isem xi kumpanniji parastatali[5]. Lejliet, madwar ħamsin fil-mija (50%) tal-azzjonisti kienu iffirmaw dikjarazzjoni li biha qablu li jgħaddu l-assi tal-bank lill-Gvern ta' Malta;

"Illi bejn is-sebgħa (7) ta' Diċembru[6] u l-għaxra (10) ta' Diċembru, 1973[7], saru laqgħat bejn it-tmexxija tal-Bank u l-Gvern, bis-sehem tal-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, l-Avukat Ġenerali u xi ministri tal-kabinett. Matul dawn il-laqgħat, it-tmexxija tal-Bank talbet lill-Gvern biex iħallihom iduru għall-għajnuna ta' banek barranin korrispondenti tal-istess Bank jew għall-intervent tal-Bank Ċentrali biex jaċċetta l-assi tal-istess Bank li kienu "mhux faċilment realiżżabbli"[8] bħala garanzija biex il-bank ikun f'qagħda li jiġġieled il-kriżi li dak il-ħin kien għaddej minnha. Il-Prim Ministru ta direttivi lill-Bank Ċentrali biex jaġixxi biex jirfed lill-Bank jekk ikun awtorizzat mill-Ministru, u ta lit-tmexxija tal-Bank żmien qasir biex jikkonvinċu lil minn tal-anqas żewġ-terzi ($^{2}/_{3}$) tal-azzjonisti biex iċedu l-ishma tagħhom favur il-Gvern, qabel ma jersaq quddiem il-Parlament biex jgħaddi malajr liġi li kienet diġa' mfassla;

"Illi fil-11 ta' Diċembru, 1973, inżammet laqgħa oħra tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank li għaddiet riżoluzzjoni biex jgħaddu l-Bank lill-Gvern u ħatru tlieta min-nies – is-Sur Louis Vella (*Chairman* tal-Bank), l-Avukat Philip Attard Montalto u l-Maġġur Austin Cassar Torreggiani – biex jidhru għall-Bank fuq l-atti kollha meħtieġa tat-trasferiment[9];

---

3 Xhieda ta' P.L. Henry Micallef 5.5.1986, f'paġ. 160 tal-proċess
4 Xhieda ta' Antoine Tagliaferro 29.8.1990, f'paġ. 328 tal-proċess
5 Xhieda tal-P.L. Joseph Żammit 27.3.1992, f'paġ. 404 tal-proċess
6 Minuti tal-laqgħa f'paġġ. 1005 – 6 tal-Atti tal-Kawża 390/92Kost
7 Minuti tal-laqgħa f'paġġ. 1007 – 9 tal-Atti tal-Kawża 390/92JRM
8 Xhieda ta' Edgar Montanaro Gauċi 3.10.1990, f'paġ. 378 tal-proċess
9 Notamenti Dr. R.A. Staines, f'paġġ. 1848 – 9 tal-Atti tal-Kawża 390/92 Kost

Illi l-Bank waqqaf in-negozju tiegħu fit-12 ta' Diċembru, 1973, u dak inhar kienet irtirata l-liċenza biex jissokta jaħdem[10]. Id-diretturi tal-Bank ġew mgħarrfa bl-irtirar tal-liċenza mill-Pulizija matul il-lejl fis-sigħat bikrin ta' dak inhar. L-għada, l-Bank beda jitħaddem (b'operazzjonijiet limitati) mill-Kunsill ta' Amministrazzjoni li kien twaqqaf bis-saħħa ta' Att XLV tal-1973 mgħoddi b'mod unanimi mill-Parlament fit-12 ta' Diċembru, u li l-għan tiegħu kien li jieħu ħsieb l-assi u d-djun tal-Bank, isalva l-impieg tal-ħaddiema tiegħu u jħares il-likwidita' bil-ħsieb li jħares id-depożiti li kienu saru miegħu mid-depożitanti[11]. Il-Kunsill kien magħmul minn tlieta min-nies – u jiġifieri minn Maurice Abela, bħala *Chairman*, Dennis Degiorgio u Antoine Tagliaferro, li kien u baqa' jaqdi d-dmirijiet ta' *assistant manager* tal-Bank[12];

"Illi fit-12 ta' Diċembru, 1973[13], wkoll, xi azzjonisti ressqu talba b'rikors quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (dak iż-żmien kienet għadha magħrufa bħala s-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili) biex jitħallew jivvotaw biex jgħaddu sehemhom fil-Bank lill-Gvern bla ebda konsiderazzjoni. Wara li semgħet ħames (5) xhieda[14], dik il-Qorti laqgħet it-talba b'degriet mogħti dak inhar stess[15];

"Illi fit-3 ta' Jannar, 1974, saret laqgħa għall-azzjonisti tal-Bank fis-sede tal-Kamra tal-Kummerċ li matulha uffiċjali tiegħu għarrfuhom bil-qagħda[16]. Min indirizza l-laqgħa ssuġġerixxa li l-azzjonisti li kienu għadhom ma assenjawx l-ishma tagħhom lill-Gvern jagħmlu dan, għalkemm ma kienx qiegħed jobbliga lil ħadd jagħmel hekk[17];

"Illi fit-22 ta' Marzu, 1974, sar ftehim li bih l-assi u d-djun tal-Bank għaddew minn fuq isem il-Bank għal fuq isem bank ġdid li twaqqaf b'dan il-għan (Bank of Valletta Limited). Dan sar wara li l-Gvern kien diġa' kiseb iżjed minn tnejn minn kull tlieta ($^{2}/_{3}$) tal-ishma tal-Bank[18]. It-trasferiment seħħ bis-saħħa ta' att nutarili tat-22 ta' Marzu, 1974, fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin, li kellu jidħol fis-seħħ jumejn wara;

[10] Xhieda ta' James Gollcher 30.10.1990 f'paġ. 395 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Antoine Tagliaferro 31.7.1990, f'paġ. 323 tal-proċess
[12] *Ibid.*, f'paġ. 324 tal-proċess
[13] Dok f'paġ. 1399 tal-Atti tal-kawża 390/92 Kost
[14] Ara kopja tal-verbali tax-xhieda f'paġġ. 1402 – 6 tal-Atti tal-kawża 390/92 Kost
[15] Ara kopja tad-degriet f'paġġ. 1400 – 1 tal-Atti tal-Kawża 390/92 Kost
[16] Xhieda ta' Dr Robert A Staines 16.5.2007, f'paġ. 1855 tal-Atti tal-kawża 390/92 Kost
[17] Dok "Ċ", f'paġ. 503 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Dennis Degiorgio 24.9.1990, f'paġġ. 337 – 8 tal-proċess

"Illi f'Lulju tal-1974[19], wara rakkomandazzjoni li saret f'dan is-sens mill-Bank Ċentrali ftit jiem qabel[20], ħassar il-liċenzi tal-Bank u kif ukoll ta' Tagliaferro Bank Limited;

"Illi b'ittra uffiċjali mressqa fis-17 ta' Diċembru, 1975[21], l-imsemmija Calleja Gera, von Brockdorff u Colombos (flimkien ma' bosta oħra mill-azzjonisti li kienu ttrasferew l-ishma tagħhom fil-Bank) interpellaw lill-imħarrkin biex "jirripristinaw li stat ta fatt esistenti qabel ma saru l-imsemmija trasferimenti invalidi bir-restituzzjoni lill-mittenti tax-*shares*, bid-drittijiet kollha tagħhom";

"Illi xi ftit taż-żmien wara f'Ġunju tal-1976[22], twaqqfet il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "NBMI"). Permezz ta' kitbiet li saru f'Ġunju tal-1976[23], Violet Calleja Gera, Ida von Brockdorff, Maria Colombos u Alice von Brockdorff, assenjaw il-jeddijiet litiġjużi (jiġifieri t-talba tagħhom u l-jedd ta' azzjoni biex jitolbu t-tħassir tat-trasferiment li huma għamlu tal-ishma li kellhom fil-Bank lill-Gvern ta' Malta) rispettivi tagħhom lil NBMI. Din l-assenjazzjoni saret għall-konsiderazzjoni ta' mitt (100) sehem ordinarju fl-istess NBMI għal kull sehem ordinarju li ċ-ċedenti kellhom fil-Bank qabel ma assenjawhom lill-Gvern f'Jannar tal-1974;

"Illi b'ittra uffiċjali mressqa fit-18 ta' Awissu, 1976[24], kontra l-imħarrkin, NBMI irriferiet għall-ittra uffiċjali li ntbagħtet mill-istess azzjonisti f'Diċembru tas-sena ta' qabel u tenniet l-istess talbiet;

Illi din il-kawża nfetħet fis-16 ta' Settembru tal-1976;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu mressqin dwarha, wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-azzjoni attriċi ta' NBMI hija waħda ta' rexxissjoni. Tinbena fuq erba' (4) ċirkostanzi. Dawn huma (i) vizzju tal-kunsens, (ii) negozju mingħajr kawża (jiġifieri bla ma kien hemm ħlas jew konsiderazzjoni għat-trasferiment magħmul), (iii) nuqqas ta' bollar tal-kitbiet, u (iv) li l-imsemmija trasferimenti ma sarux b'att pubbliku. Dwar il-kawżali tan-nuqqas

[19] Dok f'paġ. 1020 tal-Atti tal-Kawża 390/92 Kost
[20] Dok f'paġ. 1017 tal-Atti tal-kawża 390/92 Kost
[21] Dok "EAM1", f'paġ. 767 tal-proċess
[22] Affidavit ta' Adrian Busietta § 120, f'paġ. 141 tal-Atti tal-Kawża 390/92Kost
[23] Dokti "A" sa "D", f'paġġ. 5 – 8 tal-proċess
[24] Dok "EAM2", f'paġ. 772 tal-proċess

ta' bollar tal-kitbiet (iii), NBMI ma baqgħetx tinsisti[25]. F'dak li jirrigwarda l-kawżali tal-vizzju tal-kunsens, NBMI tibniha kemm fuq (a) l-iżball u kif ukoll (b) fuq il-vjolenza;

"Illi l-Qorti jidhrilha li huwa xieraq li tibda billi tgħid li l-azzjoni li għandha quddiemha tressqet minn NBMI li hija kumpannija kummerċjali. Din il-kumpannija kisbet il-jeddijiet litiġjużi ta' xi azzjonisti u, f'isem erba' minnhom, qiegħda tressaq din il-kawża ta' rexxissjoni ta' atti magħmula mill-imsemmija erba' persuni. Il-Qorti tqis li dawn il-fatti huma ta' siwi kbir minħabba n-natura tal-azzjoni li tressqet u, aktar u aktar, minħabba r-raġunijiet li fuqhom tinbena. Dan jingħad minħabba li NBMI ma kellha l-ebda sehem fil-ġrajja li huma l-mertu tal-azzjoni attriċi u jidher li nħalqet bil-ħsieb li tiġbor kollettivament l-interessi ta' azzjonisti tal-Bank li kienu għaddew minn esperjenza komuni u li f'isimhom tiġġieled għall-jeddijiet li huma jippretendu li għad fadlilhom fuq l-ishma u l-assi tal-Bank. Kemm hu hekk, kull wieħed mill-azzjonisti ta' NBMI ingħata f'ishma b'daqs kemm kellu fil-Bank qabel ma dawk l-ishma għaddew għand il-Gvern. Jibqa' l-fatt li NBMI ma kenitx hija nnifisha l-vittma tal-vjolenza jew tal-iżball allegati u lanqas il-parti li dehret fuq l-atti ta' trasferiment minnha impunjati. Għalkemm mhuwiex eskluż fid-duttrina li persuna ġuridika wkoll tista' tressaq pretensjoni għal rexxissjoni ta' kuntratt[26], fil-każ tal-lum it-talbiet attriċi jirrigwardaw atti ta' trasferiment li saru minn persuni fiżiċi u li seħħew xhur qabel ma twieldet l-istess NBMI;

"Illi kull waħda mill-kitbiet li saru mill-azzjonisti favur NBMI tikkostitwixxi ċessjoni ta' jedd litiġjuż kif imfissra fl-artikolu 1469 tal-Kodiċi Ċivili. L-imsemmija kitbiet iħarsu l-ħtiġijiet mitluba mil-liġi għal ċessjonijiet ta' din l-għamla, u dan billi fuq kull waħda mill-kitbiet imsemmija hemm tifsira tal-jedd li l-azzjonist kien qiegħed jassenja lil NBMI, il-korrispettiv li kien qiegħed jingħata lil kull azzjonist bħala konsiderazzjoni taċ-ċessjoni (u li għalhekk jiddistingwiha minn donazzjoni)[27] u saret bil-miktub[28]. Il-fatt li ċ-ċedent ma tħallasx minnufih għaċ-ċessjoni magħmula minnu ma jnaqqas xejn mis-siwi taċ-ċessjoni nfisha[29]. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll li, bis-saħħa taċ-ċessjoni, kull wieħed u waħda miċ-ċedenti għadda lil NBMI il-jeddijiet personali tiegħu safejn jissemma f'kull waħda mill-kitbiet ta' ċessjoni hekk magħmula, magħdud kull jedd ieħor ta' azzjoni maħsub li jħares il-jedd litiġjuż ċedut. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li l-jeddijiet ta' NBMI bħala ċessjonarja tal-

[25] Ara par. 37 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 879 tal-proċess
[26] Ara G Alpa _Corso di Diritto Contrattuale_ (CEDAM, 2006), f'paġ. 144
[27] Ara P.A. **7.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Degabriele vs Xuereb et*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.208**)
[28] Art. 1470(1) tal-Kap 16
[29] App. Ċiv. **28.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.1303**)

jedd litiġjuż tal-azzjonisti tal-Bank huma dawk tal-istess ċedenti u ma jistgħux ikunu usa’ minnhom;

“Illi min-natura nfisha tal-azzjoni, biex jitqies is-siwi tat-talba attriċi waħdanija huma rilevanti biss dawk iċ-ċirkostanzi li kienu jgħoddu fiż-żmien tal-imsemmija atti ta’ trasferiment. Minbarra dan, għalkemm l-azzjoni hija bla dubju maħsuba biex tkun “*test case*” għal kull min, mill-azzjonisti kollha tal-Bank, kien iffirma l-kitba tat-trasferiment tal-ishma tiegħu, din il-kawża trid titqies biss fuq iċ-ċirkostanzi tal-erba’ persuni li f’isimhom NBMI fetħet din il-kawża (għall-ħeffa, matul din is-sentenza, l-Qorti sejra tirreferi għalihom bħala “l-atturi *proprio*”, minkejja li f’din il-kawża l-parti attriċi hija NBMI biss). Dan qiegħed jingħad biex jgħaqqad ma’ dak li ssemma qabel dwar iċ-ċessjoni magħmula mill-atturi *proprio*;

“Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li jaqa’ fuq NBMI il-piż li tipprova kif imiss li l-atturi *proprio* ġarrbu tabilħaqq iċ-ċirkostanzi li jsostnu l-kawżali li bis-saħħa tagħhom hija tgħid li l-kitbiet li bihom huma assenjaw lill-Gvern l-ishma tagħhom fil-Bank iwasslu għat-tħassir tal-istess atti. Għalhekk, il-prova magħmula bix-xhieda ta’ persuni oħrajn li setgħu kienu f’qagħda li tixbah lil dik li kienu jinsabu fiha l-atturi *proprio* ma twettaqx il-piż tal-prova taċ-ċirkostanzi tal-istess atturi, għalkemm taf tkun ta’ ċertu siwi biex wieħed jifhem u japprezza l-qafas taċ-ċirkostanzi li fihom seħħew il-ġrajja rilevanti. Dan qiegħed jingħad għaliex, mill-provi mressqa minn NBMI innifsha matul is-smigħ tal-kawża, ħareġ ċar li mhux kull azzjonist aġixxa bħal kulħadd ieħor minkejja li kien fl-istess ilma. Qiegħed jingħad ukoll minħabba li l-kawża kif imressqa tirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali u partikolari (ma jistax ikun hemm ċirkostanza aktar personali mill-kunsens – jiġifieri d-dispożizzjoni mentali – tal-parti li tidħol f’kuntratt) tal-atturi *proprio* u tirnexxi jew tfalli sewwasew fuq il-prova tajba ta’ dawk l-istess ċirkostanzi. Huwa minħabba f’hekk li biex il-Qorti tkun tista’ serenament tiddeċiedi dwar it-talba attriċi waħdanija hija trid tara x’kienu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-atturi *proprio* u mhux timxi b’inferenza jew tixbih ma’ dak li seta’ għadda minnu ħaddieħor;

“Illi issa li saru dawn l-osservazzjonijiet tal-bidu, l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti legali tal-azzjoni mressqa minn NBMI qabel ma tidħol biex tistħarreġ il-kawżali speċifiċi li fuqhom tibni t-talba attriċi;

“Illi, kif ingħad, l-azzjoni attriċi hija waħda ta’ rexxissjoni. Fil-liġi tagħna, r-rexxissjoni ta’ ftehim tintrabat kemm ma’ ċirkostanza li tissarraf fi tħassir ta’

kuntratt u wkoll mal-leżjoni: fil-każ tal-lum, l-azzjoni attriċi tinbena fuq tal-ewwel. Ir-rexxissjoni hija t-talba ġuridika li biha parti fi ftehim titlob it-tħassir tiegħu minħabba ċirkostanza li tnissel in-nullita' tal-istess: huwa għalhekk mistenni wkoll li f'każ bħal dan min iressaq talba bħal dik irid juri l-interess li jagħmel dan. "*Rescission is a juridical means and it therefore necessarily implies a demand made by one who has an interest either by way of action, if the contract has already been executed, or by way of exception, if he is called before the Court for its execution*"[30];

"Illi bir-rexxissjoni ta' kuntratt, il-partijiet jerġgħu jitqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-ftehim[31], b'dan li kull parti tkun trid trodd lura lill-oħra kulma tkun daħħlet b'effett tal-kuntratt jew bis-saħħa tiegħu[32], u tħalli l-effetti wkoll fuq it-terzi pussessuri[33] u tħassar kull jedd li jkun ingħata jew kull piż maħluq fuq il-ħaġa li jkollha tintradd minħabba t-tħassir tal-kuntratt[34]. U jekk kemm-il darba r-raġuni tar-rexxissjoni tkun il-vizzju tal-kunsens tal-parti fil-kuntratt, il-parti l-oħra tkun marbuta li trodd ukoll il-frottijiet li setgħu jinġabru u li, bi traskuraġni tal-parti ħatja, ma jkunux inġabru[35]. F'din il-kawża NBMI qiegħda titlob biss it-tħassir tal-ftehim tat-trasferiment tal-ishma. Ir-rimedji l-oħrajn kienet espressament irriżervathom għal azzjoni appożita 'l quddiem, jekk ikun il-każ;

"Illi l-liġi tagħraf li t-twettiq jew ir-ratifika tal-obbligazzjoni tal-parti fil-ftehim li tkun taf bir-raġuni jew bid-difett li jagħti jedd għat-tħassir tal-istess ftehim, iġib miegħu r-rinunzja għall-jedd li l-parti titlob it-tħassir jew ir-rexxissjoni tal-kuntratt[36]. Imma biex it-twettiq jew ratifika jħallu dan l-effett, jeħtieġ jintwera li (a) l-parti mġarrba kienet taf bin-nuqqas li jġib it-tħassir tal-obbligazzjoni, li (b) t-twettiq jew ir-ratifika tkun saret għax il-parti trid u mhux għax tkun imġiegħla, u (ċ) li n-nuqqas jew ir-raġuni tat-tħassir tal-kuntratt iridu jkunu ntemmu meta jkun sar it-twettiq jew meta tkun saret ir-ratifika. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ladarba l-kawżali hija l-vizzju tal-kunsens, irid jintwera wkoll meta ntemment ir-raġuni tal-vizzju reklamat;

"Illi fil-qafas ta' dawn il-kostatazzjonijiet dwar in-natura essenzjali tal-azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li huwa meħtieġ li ssir kunsiderazzjoni oħra li ma hija xejn anqas siewja. Din il-Qorti diġa' semmiet li l-azzjoni tressqet minn NBMI u mhux mill-azzjonisti nfushom. Fis-sentenza preliminari mogħtija

[30] Ara Caruana Galizia <u>Notes on Civil Law: Obligations</u> paġ. 375
[31] Art. 1209(1) tal-Kap 16
[32] Art. 1209(2) tal-Kap 16
[33] Art. 1210(1) tal-Kap 16
[34] Art. 1210(2) tal-Kap 16
[35] Art. 1209(4) tal-Kap 16
[36] Art. 1228 tal-Kap 16

minnha fil-15 ta' Ottubru, 2012, din il-Qorti kienet aċċennat għal din iċ-ċirkostanza meta kienet qiegħda tqis is-siwi tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Minkejja li stiednet lill-partijiet jittrattaw fuq dan il-punt, l-ebda waħda minnhom ma ressqet sottomissjonijiet għar-rigward;

"Illi l-Qorti qiegħda tirreferi għall-fehma[37] li azzjoni ta' rexxissjoni trid issir minn min kien parti fil-ftehim[38]. Tqum il-kwestjoni għalhekk jekk NBMI – li ma kenitx parti fil-kitbiet ta' assenjazzjoni tal-ishma tal-Bank favur il-Gvern – tistax tressaq hi l-azzjoni ta' rexxissjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li fid-dawl tal-fatt li NBMI hija ċ-ċessjonarja tal-jedd litiġjuż mogħti lilha mill-azzjonisti, hija kisbet mingħand kull wieħed u waħda miċ-ċedenti l-leġittimazzjoni attiva biex tiftaħ il-kawża. B'żieda ma' dan, fil-qasam ta' ċessjoni ta' jeddijiet (litiġjużi) huwa mgħallem ukoll li tiswa għal kollox dik iċ-ċessjoni "*to the effect that the assignor wanted to transfer, and the assignee wanted to acquire, all the restitutions made as a result of the act of annulment or rescission of the title in the event that the assignee were to exercise the relative actions with success*"[39]. Minn dan joħroġ li NBMI ngħatat kull jedd u setgħa li tressaq din l-azzjoni rexxissorja li l-Qorti għandha quddiemha llum;

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis il-kawżali speċifiċi li fuqhom tinbena t-talba attriċi;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-**kawżali tal-vizzju tal-kunsens minħabba l-iżball**, jibda biex jingħad b'mod ġenerali li l-liġi tagħmilha ċara li l-kunsens ta' persuna huwa wieħed mir-rekwiżiti essenzjali ta' kull kuntratt li jiswa[40]. Biex il-kunsens ikun jiswa, ma jridx ikun ingħata bi żball, jew ittieħed bi vjolenza jew bl-egħmil doluż[41];

"Illi f'dan il-każ partikolari, NBMI tgħid li seħħ il-vizzju tal-kunsens minħabba żball għaliex l-atturi *proprio* aċċettaw li jittrasferixxu b'xejn l-ishma li kellhom fil-Bank għaliex kienu mwebbla li dawk l-ishma ma kienx għad fadlilhom valur. Hija ssejjes dan l-argument billi tgħid li l-fatt li l-Bank dak iż-żmien kien għaddej minn qagħda ta' nuqqas ta' likwidita' ma jfissirx li l-Bank kien falla jew li l-assi tiegħu kienu anqas mid-djun li kellu. Ittenni li dan joħroġ ċar mill-fatt li,

---

[37] Ara, fost oħrajn, Ricci Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile (Vol. VI), § 348
[38] Ara App. Ċiv. **17.3.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Aquilina et vs Michelina Aġius pro et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **29.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Borġ et vs Naħla Limited et*** fost oħrajn
[39] Ara Caruana Galizia Notes on Civil Law – Contract of Sale, paġ. 624
[40] Art. 966(b) tal-Kap 16
[41] Art. 974 tal-Kap 16

hekk kif il-Bank raġa' beda jaħdem u minn hemm 'il quddiem b'assi li kien sab li kellhom l-azzjonisti, beda jirreġistra l-qligħ u hekk baqa' jagħmel sena wara l-oħra;

"Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jirribattu din il-kawżali billi jgħidu li kull min qatagħha li jgħaddi l-ishma tiegħu fil-Bank lill-Gvern kien jaf li qiegħed jagħmel hekk u kien jaf li dan kien qed isir mingħajr ħlas;

"Illi l-iżball hi waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi biex twaqqa' l-kunsens mogħti minn parti fuq kuntratt[42]. Il-liġi tagħraf żewġ suriet ta' żball li jistgħu jġibu ma jiswiex il-kunsens ta' parti f'kuntratt: l-iżball tal-fatt u l-iżball tal-liġi. Fil-każ tal-lum, jidher li NBMI tistrieħ fuq tal-ewwel u mhux fuq l-iżball tal-liġi. Madankollu, biex żball ta' fatt iġib in-nullita' tal-kuntratt, irid ikun wieħed li jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim[43];

"Illi biex jista' jikkostitwixxi raġuni li tivvizzja l-kunsens ta' parti f'kuntratt jeħtieġ jintwera (minn min jallega l-vizzju tal-kunsens) li l-iżball ta' fatt kien sostanzjali, skużabbli u determinanti għas-sehem ta' dik il-parti biex tersaq għall-ftehim. Żball ikun sostanzjali meta jaqa' kemm fuq l-oġġett innifsu tal-ftehim u kif ukoll fuq xi kwalita' essenzjali tiegħu, u dan jitqies bil-kejl (suġġettiv) li bih il-parti mqarrqa kienet tqis l-istess oġġett tal-kuntratt[44]. Żball ikun skużabbli meta jkun kawżat mill-parti l-oħra tal-kuntratt[45], iżda minkejja dan, l-iżball ma jkunx skużabbli jekk bi ftit għaqal jista' jkun verifikat bla ħafna tbatija[46]. L-effett ewlieni tal-iżball bħala element li jħassar il-kunsens huwa dak li jipprekludi l-formazzjoni tal-identita' tal-kunsens ta' bejn il-partijiet fil-kuntratt (il-"*consensus in idem*") li huwa determinanti għall-ħolqien tar-rabta kuntrattwali[47];

"Illi huwa meħtieġ ukoll (bħal f'kull ċirkostanza mibnija fuq il-vizzju tal-kunsens) li l-vizzju tal-kunsens jintrabat maċ-ċirkostanzi u l-fatti li kienu fis-seħħ fil-ħin li jingħata l-kunsens u mhux ma' dawk li setgħu irriżultaw wara. Kunsens ma jistax jitqies vizzjat minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi li jiġru wara li jkun ingħata[48];

---

[42] Art. 974 tal-Kap 16
[43] Art. 976(1) tal-Kap 16
[44] App. Ċiv. **20.10.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Vassallo*** (Kollez. Vol: **XLV.i.327**)
[45] Ara App. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Spiteri et vs Associated Supplies Ltd.***
[46] P.A. **9.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri et vs Azzopardi et*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.726**)
[47] Ara Maġ (Għ) AE **19.12.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mizzi et vs With-It Ltd et*** (mhix appellata)
[48] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Rita Debono vs Lombard Bank Malta p.l.c. et noe et***

"Illi NBMI tgħid[49] li l-iżball ta' fatt fil-moħħ tal-atturi *proprio* joħroġ mill-ħsieb erronju ġenerat mill-awtoritajiet li l-ishma li ntalbu jerħu minn idejhom ma kienx għad fadlilhom valur. Iżżid tgħid li dan seħħ billi nħolqot "sitwazzjoni orkestrata u artifiċjali" dwar il-likwidita' tal-Bank;

"Illi l-imħarrkin jressqu l-argument[50] li l-atturi *proprio* ma setgħu qatt kienu taħt żball, u wisq anqas taħt żball indott mill-Gvern, meta għażlu li jgħaddu l-ishma tagħhom fil-Bank lill-istess Gvern. Jgħidu li l-atturi għamlu dan bil-fehma li dan il-pass kien meħtieġ u (kif jirriżulta mill-kitba relativa għall-atturi Ida von Brockdorff u Eileen Bencini) wieħed essenzjali u indispensabbli biex il-Bank seta' jibqa' jaħdem. Iżidu jgħidu li dawk il-kitbiet kienu volontarji għaliex kien hemm għażla jekk wieħed jiffirmax jew le, bħalma wħud għażlu li ma jiffirmawx. Fi kliem ieħor, jidher li l-imħarrkin jibnu dan l-argument fuq il-massima *coacta voluntas, tamen voluntas est* u li dik ir-rieda, minkejja li ma kinitx spontanja, ma kinitx fiergħa lanqas;

"Illi l-Qorti tqis li, kemm mill-provi mressqa mill-partijiet (u mhux biss min-naħa waħda) u kif ukoll mis-sottomissjonijiet infushom ta' NBMI, toħroġ stampa ta' qagħda mwiegħra temporanja tal-Bank li f'dawk iċ-ċirkostanzi waqqgħu s-saħħa u s-siwi tal-ishma tiegħu. Hemm stqarrija li l-Bank "inġieb fi stat ta' insolvenza artifiċjali". Huwa minnu li NBMI tisħaq li dan kien frott ta' manuvri orkestrati u pjan imfaqqas u minsuġ mill-Gvern biex jieħu l-Bank taħt idejh bla ma jħallas għalih. Iżda l-kostatazzjoni ta' dik il-qagħda, kienet x'kienet il-kawża vera tagħha, ma xxejjinx il-fatt li din kellha effett drastiku fuq il-valur tal-ishma tal-Bank. Aktar 'il quddiem, il-Qorti sejra tqis ukoll dan l-aspett meta tikkunsidra l-kawżali tat-trasferiment bla konsiderazzjoni;

"Illi, madankollu, għall-finijiet tal-kawżali tal-iżball, il-Qorti hija tal-fehma li jekk inhu minnhom li l-erba' atturi *proprio* kienu tal-fehma li l-ishma tagħhom ma kien għad fadlilhom l-ebda valur fil-waqt li huma ffirmaw il-kitba tat-trasferiment tal-istess ishma, ma jistax tabilħaqq jingħad li dan kien żball u wisq anqas żball sostanzjali fuq in-natura tal-ħaġa li kienet tifforma l-oġġett tal-kuntratt (f'dan il-każ, il-kuntratt tat-trasferiment tal-ishma). Din il-fehma ngħatatilhom minn persuni awtorevoli u kompetenti li kienu jgawdu l-fiduċja tal-azzjonisti, u li ma hemm l-ebda dubju li l-pariri li tawhom kienu motivati biss fl-aħjar interessi tal-klijenti tagħhom (l-istess azzjonisti) u mhux biex iqarrqu bihom;

[49] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 875 tal-proċess
[50] Ara paġġ. 711u 714 tal-proċess

“Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li din il-kawżali li fuqha tinbena l-azzjoni attriċi hija mistħoqqa jew twassal għat-tħassir tal-iskritturi magħmulin mill-atturi *proprio*;

“Illi għal dak li jirrigwarda l-**kawżali tal-vizzju tal-kunsens minħabba l-vjolenza** NBMI tqis li din immanifestat ruħha fil-każ taħt tliet irjus ewlenin. L-ewwel fosthom huwa t-tehdid li minħabba fih l-azzjonisti tqiegħdu f’biża’ dwarhom infushom jew ħwejjiġhom jekk ma jagħmlux dak li ntalbu. It-tieni ċirkostanza msemmija minn NBMI hi l-għaġġla li biha l-atturi *proprio* ntalbu jagħtu l-kunsens tagħhom biex jittrasferixxu l-ishma tagħhom fil-Bank u li ma tathomx żmien xieraq biex jirriflettu dwar dak li kienu qegħdin jiġu mbuttati biex jagħmlu[51]. It-tielet element hu s-sospensjoni ħesrem tal-liċenza tal-Bank qabel ma l-azzjonisti kienu iddeċidew x’ser jagħmlu;

“Illi l-Qorti sejra tqis dawn it-tliet elementi (li fis-sewwa huma marbutin sfiq ma’ xulxin) fl-ordni li ssemmew minn NBMI;

“Illi dwar l-aspett tat-tehdid ta’ min jirrileva li NBMI mexxiet il-qofol tal-każ tagħha fuq il-presuppost li l-biċċa l-kbira tal-azzjonisti tal-Bank aċċettaw li jiffirmaw it-trasferiment tal-ishma tagħhom favur il-Gvern taħt id-dell ta’ theddida (min-naħa tal-istess Gvern) li tgħaddi liġi mill-Parlament maħsuba biex titneħħa r-responsabbilta’ limitata tal-azzjonisti u b’hekk ikunu miftuħa għal responsabbilta’ personali lejn il-kredituri tal-istess Bank[52];

“Illi l-vjolenza bil-mezz ta’ tehdid hija waħda miċ-ċirkostanzi magħrufa mil-liġi li taqa’ fil-kategorija ta’ vizzju tal-kunsens. Minn kliem il-liġi, il-vjolenza, bħalma hija t-tehdid, hija motiv ta’ nullita’ tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens[53]. Iżda huwa maqbul li dak in-nuqqas ma jġibx nullita’ assoluta tar-rabta kuntrattwali, iżda annullabilita’ tal-istess: jidher li huwa minħabba f’hekk li l-liġi tuża l-kelma “motiv ta’ nullita’”. Hija regola li l-Qrati tagħna ilhom snin jimxu magħha li, fejn iqum element ta’ annullabilita’ ta’ kuntratt, it-tħassir ta’ dak il-kuntratt irid isir b’azzjoni appożita u mhux permezz ta’ eċċezzjoni[54]. Hekk sar fil-każ tal-lum. Minbarra dan, il-kwestjoni tal-eżistenza u tal-effikaċja tal-

---

[51] Ara paġ. 616 tal-proċess
[52] Ara xhieda ta’ Dr Philip Attard Montalto 17.10.1980 u P.L. Henry Micallef 20.5.1986, f’paġġ. 100 u 166 tal-proċess
[53] Art. 977(1) tal-Kap 16
[54] Ara, b’eżempju, App. Ċiv. **16.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et vs Carmen Taliana*** u App. Inf. **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***J & E Griscti Ltd vs Jesmond Sant et***

vjolenza allegata mill-parti li trid twaqqa' l-kuntratt huwa eżerċizzju mħolli fl-apprezzament tal-Qorti[55];

"Illi, bil-liġi[56], l-kunsens jitqies li jkun meħud taħt vjolenza jekk din taħkem fuq persuna raġonevoli b'mod li ġġegħilha tibża' li hija nnifisha jew ħwejjiġha jistgħu jitqegħdu għal xejn b'xejn f'periklu ta' ħsara kbira[57]. Vjolenza bħal din twassal biex iġġib ma jiswiex kuntratt ukoll jekk id-deni mhedded ikun maħsub li jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ tal-mara jew ta' żewġ il-persuna mhedda jew ta' dixxendent jew axxendent tagħha[58];

"Illi biex il-vjolenza tħassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawża determinanti li tkun ġiegħlet lill-parti li tidher għall-kuntratt, (b) il-frott tal-ħidma tal-persuna li eżerċitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (ċ) li l-kunsens hekk meħud ikun ir-riżultat tal-vjolenza hekk eżerċitata u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' għamil maħsub biex jinkiseb riżultat ieħor[59]. Għalhekk, biex il-vjolenza tkun biżżejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, inġusta b'mod li tqanqal f'persuna raġonevoli biżgħa li tesponiha jew lil qarib tagħha għal ħsara fil-ġid jew fil-persuna tagħha[60]. Huwa miżmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif teħles mill-vjolenza eżerċitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha[61]. Madankollu, mhux kull stat ta' ansjeta' jwassal biex kunsens mogħti fuq kuntratt ikun wieħed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi tagħmel[62];

"Illi huma tajbin u meqjusa s-sottomissjonijiet ta' NBMI f'dak li jirrigwarda d-duttrina dwar il-vjolenza (ukoll jekk hija morali jew ekonomika) bħala vizzju tal-kunsens mogħti minn parti kontraenti.[63] Wieħed irid jara jekk il-fatti mressqa jsostnux dik id-duttrina;

---

[55] P.A. **14.11.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.749**) li ġġib tifsira studjata ta' x'għamla ta' vjolenza hi meħtieġa biex tikkostitwixxi vjolenza morali; ara wkoll App. Ċiv. **16.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Leone Ganado et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.561**).
[56] Art. 978(1) tal-Kap 16
[57] App. Inf. (Għ) PS **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Calleja vs Margaret Buttiġieġ***
[58] Art. 979(2) tal-Kap 16
[59] P.A. **29.10.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Soler noe vs Campbell noe*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.431**)
[60] P.A. GV **30.6.2000** fil-kawża ***Francis Scicluna vs Dominic Cutajar*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**16.4.2004**)
[61] P.A. TM **25.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Busuttil noe vs Anthony Żahra et*** (mhix appellata)
[62] App. Ċiv. **9.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Evan T. Camilleri et vs Michelina Vella***
[63] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 619 – 620 tal-proċess

"Illi NBMI tgħid li t-theddida li xejjen il-kunsens tal-atturi *proprio* kienet dik tat-tneħħija tar-responsabbilta' limitata tal-azzjonisti tal-Bank jekk kemm-il darba jonqsu li jiffirmaw id-dokument li bih l-ishma jingħataw lill-Gvern. Din il-kwestjoni timla ħafna mill-atti proċesswali ta' din il-kawża u tal-oħrajn li miexja magħhom. Hija kwestjoni li matul is-snin baqgħet punt kontrovers u mqanqal ta' xejra politika. Waqt li NBMI ressqet xhud wara l-ieħor biex itenni l-eżistenza ta' din it-theddida, l-imħarrkin ressqu xhieda[64] li jwarrbu u jiċħduha u jgħidu li din it-theddida ma kienet xejn għajr sforz ta' stħajjil jew, fl-aħjar ipoteżi, malintiż ta' kif inftiehem il-kliem tal-Prim Ministru f'dawk il-laqgħat kruċjali li saru fl-ewwel jiem ta' Diċembru tal-1973. Ta' min jerġa' jfakkar li l-erba' atturi *proprio* f'din il-kawża ma tressqux b'xhud minn NBMI li, f'isimhom, fetħet din il-kawża;

"Illi din il-Qorti ma hijiex imsejħa tgħaddi ġudizzju storiku ta' din il-kwestjoni, u wisq anqas apprezzament politiku ta' l-istess ġrajja. Xogħolha hu li tgħarbel, mill-fatti mressqa quddiemha, ċ-ċirkostanzi li jwassluha biex tqis jekk kemm-il darba kienx hemm tassew it-theddida li tissemma u jekk din kinitx fattur determinanti li wassal lill-atturi f'din il-kawża li jitilqu minn idejhom l-ishma tagħhom u jgħadduhom lill-Gvern bla ebda ħlas;

"Illi mill-atti tal-kawża l-Qorti ssib li l-għajn tal-kwestjoni kollha kienet xi kliem li l-Prim Ministru lissen lid-delegazzjoni tal-Bank waqt il-laqgħa li ssejħet fl-10 ta' Diċembru, 1973. Il-persuni li kienu preżenti f'dik il-laqgħa huma magħrufa u, fil-biċċa l-kbira tagħhom, taw ix-xhieda tagħhom ukoll f'din il-kawża u fl-oħrajn li miexja magħhom. Madankollu, minkejja kull opportunita' li l-partijiet kellhom u ż-żmien twil li fih damu jitressqu l-provi, ħadd ma deherlu li kellu jressaq b'xhud lill-persuna li jingħad li kienet lissnet it-tehdid (jiġfieri lill-imħarrek Prim Ministru);

"Illi mill-provi mressqa ħareġ li t-tmexxija tal-Bank kienet ingħatat żmien qasir biex tiġbor biżżejjed firem mill-azzjonisti tal-Bank biex l-ishma jgħaddu lill-Gvern Malti bla ħlas. Din il-kundizzjoni tal-Gvern issemmiet fil-qafas tad-diskussjoni li kienet qiegħda ssir dawk il-jiem dwar x'għamla ta' intervent seta' jsir biex ir-"*run*" fuq il-Bank ma tibqax tiħrax minn jum għal jum u biex l-interessi ta' depożitanti u klijenti tiegħu ma jintilfux. Mill-provi ħareġ ukoll li, sa dak inhar tal-imsemmija laqgħa, il-Bank kien ipprova jasal f'arranġamenti dwar x'seta' jsir u x'għajnuna kienet meħtieġa minn barra fih biex iwaqqaf il-ġbid ta' somom qawwija ta' depożiti, iżda li dawk l-arranġamenti ma kinux

[64] Ara, b'eżempju, x-xhieda ta' Lino Spiteri 7.12.2006, f'paġ. 1385 tal-Atti tal-Kawża 390/92JRM

ħallew frott. F'dik il-laqgħa kien ħareġ ċar li l-imħarrek Prim Ministru ma kienx f'qagħda li jistenna proposti, imma ried li jittieħdu deċiżjonijiet, għalkemm hemm prova dokumentali li turi li kien il-Prim Ministru nnifsu li ta direttiva biex, jekk ikun il-każ il-Bank Ċentrali, bl-approvazzjoni tal-ministru (tal-Finanzi) jħaddem id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(k) tal-Att dwar il-Bank Ċentrali favur il-Bank[65];

"Illi kundizzjoni *sine qua non* li l-Prim Ministru għamel kienet dik li biex il-Gvern jintervjeni fil-każ, l-azzjonisti tal-Bank riedu jaqblu li jgħaddu l-ishma tagħhom lill-Gvern bla ma jitħallsu tagħhom u biex il-Bank jitmexxa minn kunsill ta' amministrazzjoni sakemm il-qagħda tistabilizza ruħha. Minn dak li ħareġ mill-minuti miżmuma min-naħa tal-Gvern, il-Gvern ma kienx f'qagħda li jinvesti flejjes pubbliċi f'intrapriża li kienet f'idejn il-privat, sakemm isir proċess biex ikun determinat jekk il-Bank kienx aktar f'qagħda vijabbli[66]. Mill-istess provi ħareġ ukoll li t-tmexxija tal-Bank kienet uriet il-fehma li ħadd ma kien f'qagħda li jgħaddi l-ishma tiegħu bla kunsiderazzjoni jew ħlas. Kien f'dan il-waqt li qamet il-kwestjoni tas-siwi tal-ishma fil-qagħda li kien jinsab fiha l-Bank f'dawk il-jiem u x'seta' jsir biex l-interessi tal-klijenti u tad-depożitanti tal-Bank jitħarsu b'xi mod;

"Illi mill-provi ħareġ li l-imħarrek Prim Ministru rabat it-trasferiment tal-ishma bħala sagrifiċċju li l-azzjonisti kienu mistennija jġarrbu fil-pjan tal-ħarsien tad-depożitanti u l-klijenti tal-Bank[67]. Minbarra dan, f'dan il-qafas kien iddaħħal ukoll il-ġejjieni tal-impieg tal-ħaddiema tal-Bank: kemm hu hekk, mill-provi mressqa[68] ħareġ li l-istess impjegati tħeġġew iduru lil dawk minn fost l-azzjonisti tal-Bank li kienu jiġu minnhom jew ħbieb tagħhom biex jikkonvinċuhom jaċċettaw li jgħaddu lill-Gvern l-ishma li kellhom fil-Bank biex l-impiegi ma jintilfux. Provi f'dan ir-rigward juru wkoll li **dan** kien il-mottiv li ssemma u mhux it-tneħħija tar-responsabbilta' limitata tal-azzjonisti[69];

"Illi l-eqreb verżjoni tal-kliem minnu wżat huwa dak rapportat (għaliex l-imħarrek Prim Ministru nnifsu qatt ma tressaq b'xhud fil-kawża) li fl-atti joħroġ minn żewġ xhieda[70], u li wkoll bejniethom hemm baħar jaqsam dwar x'kien il-kliem li tabilħaqq ingħad. Ix-xhieda l-oħrajn kollha li xehdu dwar dan jew qalu li semgħu bit-theddida minn ħaddieħor jew ma kinux f'qagħda li jiftakru bi

---

[65] Ara minuti laqgha 7.12.73, f'paġ. 1006 tal-Atti tal-Kawża 390/92Kost
[66] Minuti 10.12.1973, f'paġ. 1390 tal-Atti tal-kawża 390/92JRM
[67] Ara minuti laqgħa 10.12.1973, f'paġ. 1008 tal-Atti tal-Kawża 390/92Kost
[68] Ara x-xhieda tal-P.L. Joseph Żammit 27.3.1992, f'paġ. 403 tal-proċess
[69] Xhieda ta' Rene' Formosa 9.6.1995, f'paġ. 1472 tal-Att tal-Kawża 390/92Kost
[70] Ara x-xhieda ta' Dr Philip Attard Montalto 17.10.1980 f'paġġ. 99 – 100 tal-proċess u l-affidavit ta' Dr Edgar Mizzi Dok "B" f'paġ. 501 tal-proċess

preċiżjoni x'kien il-kliem li ngħad. Hemm xhieda oħrajn (li kienu saħansitra qrib jew qraba ta' wħud mill-azzjonisti nfushom tal-Bank f'dak iż-żmien) li qalu li qatt ma ssemmielhom it-tehdid imma raġunijiet oħrajn, minkejja li tkellmu mat-treġija tal-Bank[71]. Mill-provi ħareġ ukoll li fl-istess laqgħa msemmija, l-imħarrek Prim Ministru kien qal li jekk kemm-il darba l-għadd mistenni ta' azzjonisti ma kienx ser ikun qabel li jgħaddi l-ishma lill-Gvern sal-ħin li kien qiegħed jagħti, il-Gvern kien qiegħed jikkunsidra bis-serjeta' li jirtira d-depożiti li kumpanniji parastatali kellhom mal-istess Bank (li kienu jitilgħu għal somma qawwija qrib l-erba' miljun Lira Maltija) l-għada stess;

"Illi fis-sottomissjonijiet tagħha, NBMI tgħid li kienet din it-tehdida li kienet "id-daqqa mortali li ġiegħlet lid-diretturi imorru għand l-azzjonisti u jgħidulhom illi ma kienx hemm tama jekk ma jċedux l-ishma tagħhom lill-Gvern" [72]. Dan issostnih billi tirreferi wkoll għax-xhieda ta' dak li kien is-Segretarju tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank[73], li kien wieħed mill-persuni preżenti għal-laqgħa bejn it-tmexxija tal-Bank u l-imħarrek Prim Ministru. Minn din is-sottomissjoni waħedha toħroġ il-mistoqsija: allura kienet din iċ-ċirkostanza – u mhux it-tehdida tat-tneħħija tar-responsabbilta' limitata – li tabilħaqq ikkondizzjonat l-imġiba tal-azzjonisti biex jitilqu l-ishma tagħhom? Dan, fil-fehma tal-Qorti, joħloq dubju fiċ-ċertezza tat-teżi attriċi ukoll fuq il-livell ġenerali tal-argument imressaq minn NBMI;

"Illi fis-sottomissjonijiet tal-egħluq tagħha[74], NBMI tgħid li din ukoll kienet theddida serja biżżejjed biex tivvizzja l-kunsens ta' kull min iffirma d-dokument tat-trasferiment tal-ishma tiegħu. Iżda l-Qorti tqis li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel dwar l-elementi tal-vjolenza bħala vizzju tal-kunsens, issibha diffiċli biex taċċetta kif id-dikjarazzjoni ta' depożitant tal-Bank (għalkemm depożitant ewlieni) li jgħid li sejjer jinqeda b'jedd tiegħu u jagħmel bħalma kienu qegħdin jagħmlu għadd kbir ta' depożitanti tal-Bank f'dawk il-jiem imqallba tista' tikkwalifika bħala theddida li xxejjen il-kunsens. Huwa magħruf u aċċettat li t-theddida ta' teħid ta' miżuri kawtelativi leġittimi ma tista' qatt issejjes l-element tal-vjolenza li twassal għall-vizzju tal-kunsens ta' parti kontraenti[75]. Dan jintrabat mal-massima li "*qui suo jure utitur neminem laedere videtur*";

[71] Xhieda ta' Dr. Mario Feliċe 5.3.2007, f'paġġ. 1423 – 4 tal-Atti tal-Kawza 390/92 Kost
[72] Paġ. 614 tal-proċess
[73] Xhieda ta' Dr. Robert Staines (notament konfermat taħt ġurament) 16.5.2007, f'paġġ. 1850 – 1 tal-Atti tal-Kawża 390/92 Kost
[74] Ara paġġ. 627 – 9 tal-proċess
[75] Ara App. Kumm. **15.12.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Cost Critien vs Borda*** (Kollez. Vol: **XLV.i.495**) u App. Ċiv. **16.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Leone Ganado et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.561**)

"Illi, minbarra dan, l-istess Avukat Staines xehed[76] li dwar il-kliem li sema' lill-imħarrek Prim Ministru jgħid "*jiena fhimt illi they were aimed at the directors, he was talking to the directors, saying 'jekk tridu tkomplu tmexxu l-bank, mexxuh imma intom responsabbli' u b''responsabbli' jiena fhimt illi every single person over there was going to be liable with his entire property. Therefore everybody who was there[77] and who took this decision was bound to be with unlimited liability. The directors, jiena ma fhimtx li it was referred to the shareholders...*". Din raġa' tenniha fix-xhieda tiegħu imressqa fis-sura ta' notamenti bil-verżjoni tiegħu ta' dak li kien ġara matul dawk il-jiem imqanqla[78]. NBMI tgħid li wkoll jekk dan huwa minnu, l-biżgħa li tnisslet fit-tmexxija tal-Bank b'din it-theddida kienet serja u qawwija biżżejjed biex tintiret mill-azzjonisti wkoll minħabba li, wara kollox, l-istess tmexxija kienet qiegħda taġixxi bħala "*lunga manus*" tal-korp tal-azzjonisti tal-Bank. Il-Qorti tqis li, fl-aħjar ipoteżi, dan l-argument ta' NBMI jikkostitwixxi xenarju ipotetiku daqskemm plawsibbli li, madankollu, ma jissarrafx fil-prova tal-attwalita' tal-vjolenza eżerċitata fuq l-atturi *proprio*;

"Illi minn provi oħrajn imressqa minn NBMI innifsha ħareġ ukoll li kien hemm azzjonisti li ħadu d-deċiżjoni li jgħaddu l-ishma tagħhom lill-Gvern wara li raw id-deċiżjoni tal-Qorti mogħtija fid-degriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili[79] u li ma kenitx it-theddida msemmija minn NBMI li wasslithom biex għamlu din l-għażla. Kif tosserva NBMI fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[80], il-"pressjoni enormi" li saret kienet mitfugħa fuq xi diriġenti u diretturi tal-Bank, u mhux fuq l-azzjonisti nfushom, għaliex qatt ma kien sar kuntatt dirett bejn min kien qed jhedded u l-azzjonisti li suppost kienu qegħdin jiġu mhedda;

"Illi, fil-każ partikolari mbagħad, NBMI ma ressqitx ix-xhieda tal-atturi *proprio* biex turi x'kien sewwasew li wassalhom biex iffirmaw il-kitba tal-assenjazzjoni tal-ishma tagħhom. Għall-kuntrarju, jekk dak li nkiteb fid-dokument tal-azzjonisti von Brockdorff u Benċini jitqies sewwa, għandu jidher li r-raġuni li ddettat dak it-trasferiment kienet waħda għal kollox differenti minn dik allegata minn NBMI. Il-Qorti trid tagħmilha ċara li mhijiex qiegħda teskludi li seta' kien hemm azzjonisti li emmnu li tabilħaqq kien hemm theddida bħal dik. Imma dan mhuwiex biżżejjed, u terġa' tgħid li f'din il-kawża kien meħtieġ li NBMI tipprova li dik kienet ir-raġuni li induċiet lill-atturi *proprio* biex jiffirmaw il-kitba rispettiva tagħhom. Minn dak kollu li joħroġ mill-atti tal-kawża din il-prova ma tirriżultax;

[76] Xhieda tiegħu 16.5.2007, f'paġ. 1879 tal-Atti tal-Kawża 390/92 Kost
[77] Ir-riferenza tidher li hija għal-laqgħa li saret mal-Prim Ministru
[78] Xhieda tiegħu (notament konfermat taħt ġurament) 16.5.2007, f'paġ. 1852 tal-Atti tal-Kawża 390/92 Kost
[79] Xhieda ta' Francis Gera 10.7.1990, f'paġġ. 297 u 299 tal-proċess
[80] Ara paġġ. 616 – 7 tal-proċess

"Illi NBMI tgħid ukoll li din il-vjolenza seħħet minħabba n-nuqqas ta' żmien xieraq li ngħata lill-azzjonisti biex jaħsbuha sewwa fuq dak li kienu ntalbu jagħmlu qabel ma iffirmaw il-kitba taċ-ċessjoni tal-ishma tagħhom. Hawnhekk il-Qorti tosserva li bejn id-data meta l-Parlament għadda l-Att XLV tal-1973 u s-sospensjoni tal-liċenza (12 ta' Diċembru, 1973) u d-data meta tlaqqgħu l-azzjonisti mill-Bank u ttieħdet id-deċiżjoni li ssir ir-rakkomandazzjoni li l-azzjonisti jaċċettaw li jgħaddu l-ishma tagħhom lill-Gvern (3 ta' Jannar, 1974) kien hemm medda ta' jiem. Matul dan iż-żmien saru u nżammu laqgħat, ingħataw pariri u ttieħdu fehmiet minn persuni fdati (fosthom avukati). Fiċ-ċirkostanzi tal-ġrajjiet li kienu għaddejjin dak iż-żmien, ma jistax jingħad li l-atturi *proprio* ma kellhomx żmien biżżejjed biex jirregolaw irwieħhom u fuq kollox biex, qabel ma jqegħidu l-firma tagħhom fuq il-kitba tat-trasferiment, iqisu l-aspetti kollha favur jew kontra (għalkemm aktar kien hemm fatturi kontra milli favur) ta' dak li kienu sejrin jagħmlu;

"Illi f'din il-kawża, l-Qorti ntalbet tqis jekk it-trasferiment tal-ishma kienx milqut minn vizzju tal-kunsens. Dak li jikkonċernaha fit-tiftix ta' din is-sejħa hu biex tara jekk, fil-każ partikolari tal-atturi *proprio*, dan kienx tabilħaqq hekk. Il-Qorti tqis li filwaqt li bosta kienu l-azzjonisti li ffirmaw biex jgħaddu l-ishma tagħhom sa qabel it-12 ta' Diċembru, 1973, dan ma kienx il-każ fl-ebda wieħed mill-erba' atturi *proprio* li kollha iffirmaw il-kitba tat-trasferiment wara l-bidu tas-sena 1974 u wara li kienet inżammet il-laqgħa tal-azzjonisti. Għall-Qorti, din hija ċirkostanza li tfisser li għalihom il-fattur taż-żmien ma kienx hekk li jaffettwa r-rieda tagħhom biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet li sarulhom mit-tmexxija tal-Bank innifsu;

"Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li NBMI seħħilha ssostni t-talba tagħha taħt din il-kawżali tal-vizzju tal-kunsens, taħt l-ebda waħda mill-elementi prospettati minn NBMI;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-**kawżali tan-nuqqas ta' konsiderazzjoni** jqum argument importanti. NBMI tgħid li ma jistax ikun li l-ishma li l-azzjonisti ntalbu jassenjaw lill-Gvern kienu tassew bla valur ta' xejn, meta wieħed iqis l-assi immobbli li kellu u meta kien imbassar ftit taż-żmien qabel li l-Bank kien ser jirreġistra qligħ fi tmiem dik is-sena finanzjarja. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jisħqu li fil-qagħda li kien il-Bank f'dawk il-jiem imqallba, l-ishma ma kien għad fadlilhom l-ebda valur għaliex bihom b'kollox, il-Bank ma kienx vijabbli f'dik il-qagħda;

"Illi l-Qorti tagħraf li din il-kwestjoni hija waħda li tħabbel ir-ras u titlob riflessjoni lil hinn mill-emozzjoni u mill-ispekulazzjoni jew kontroversja politika li baqgħet tħeġġeġ dwarha fix-xena lokali minn dak inhar sallum. Iżda għall-finijiet tal-istħarriġ purament legali li fuqha tistrieħ l-azzjoni attriċi li tinsab quddiem din il-Qorti, wieħed irid jara jekk, fil-waqt li l-erba' atturi *proprio* iffirmaw il-kitba li biha għaddew l-ishma tagħhom, dawk l-ishma kienx għad għandhom valur x'jinbiegħ. Hawnhekk ukoll jidher li l-partijiet użaw tifsiriet differenti bejniethom dwar il-kelma "valur";

"Illi l-Qorti tiċċara wkoll li l-kejl tal-konsiderazzjonjiet legali li jridu jsiru f'din il-kawża dwar dan l-aspett huwa, min-natura tiegħu, differenti għal kollox mill-kejl li jmissu jsir – u li fil-fatt sejjer isir – fil-proċeduri l-oħrajn ta' indoli kostituzzjonali marbuta magħha;

"Illi l-Qorti tibda biex tosserva li kull wieħed mit-trasferimenti tal-ishma li jirrigwardaw lill-atturi *proprio* saru fix-xhur bikrin tal-1974. Wieħed ma jridx jinsa li, b'seħħ mit-12 ta' Diċembru, 1973, il-liċenzja tal-Bank kienet ġiet irtirata u, mill-għada, kien beda jmexxi l-Kunsill ta' Amministrazzjoni mħarrek. Dan kollu joħroġ mill-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawża u taż-żewġ kawżi Kostituzzjonali li din kienet miexja magħhom (għalkemm infetħu xejn anqas minn sittax-il sena wara li nfetħet din). Sa ma nfetħet din il-kawża, t-tmexxija tal-Bank kienet diġa' ilha li għaddiet f'idejn Bank ġdid (Bank of Valletta Limited) u l-liċenza tal-Bank ma reġgħet qatt inħarġet. Fil-qagħda tas-sitwazzjoni li żviluppat, safejn l-ishma tal-azzjonisti kienu jirrigwardaw it-tħaddim u tmexxija tal-Bank, dawn kienu saru bla saħħa ta' xejn[81];

"Illi, fit-tieni lok, kienet it-tmexxija nnifisha tal-Bank li matul dawk iż-żminijiet kienet iddikjarat li l-ishma ma kienx għad fadlilhom valur. Dan qaluh lill-azzjonisti u qaluh f'qorti taħt ġurament[82]. Dan qaluh wara konsultazzjonijiet mal-aqwa mħuħ legali[83] li qabbdu biex jagħtuhom pariri fuq il-qagħda li ssawret f'dawk il-jiem imqallba[84]. Dan qaluh minkejja li kienu jafu bl-eżistenza tal-assi li sa dak inhar il-Bank kellu u minkejja r-riżervi kbar li kellhom dwar il-mod kif mexa magħhom il-Gvern f'dawk is-sigħat kruċjali. Ta' min jgħid li kienet it-treġija tal-Bank li bdiet u fetħet dawk il-proċeduri fejn talbet l-

[81] Ara x-xhieda ta' Alfred Caruana 27.3.1992, f'paġġ. 413 – 4 tal-proċess
[82] Ara Dokti "A" u "D", mehmużin mal-affidavit ta' Dr Edgar Mizzi, f'paġġ. 499 u 504 tal-proċess u Dok "LEG1", f'paġ. 82 tal-Atti tal-Kawża 390/92Kost
[83] Affidavit Adrian Busietta 11.11.1994, §§ 068 – 069, f'paġġ. 132 – 3 tal-Atti tal-Kawża 390/92Kost
[84] Ara xhieda ta' Dr Robert Staines u Dr Philip Attard Montalto 12.12.1973 fl-atti tar-Rikors quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, f'paġ. 504 tal-proċess

awtoriżżazzjoni tal-Qorti biex l-ishma ta' azzjonisti partikolari jitħallew jgħaddu għand il-Gvern bla ħlas. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dawk id-dikjarazzjonijiet ma sarux b'leġġerezza, b'ħażen jew biex jintrebaħ il-ħin, iżda kienu dikjarazzjonijiet formati li għarfu l-qagħda mwiegħra li l-Bank kien inġab fiha u li ħallietu miftuħ għal forzi qawwijin barra minnu li kienu qegħdin jheddu ħsara akbar għall-azzjonisti daqskemm għall-impjegati tal-istess Bank u xejn anqas għad-depożitanti klijenti tiegħu (li, fil-każ tal-Bank, kienu jgħoddu fihom bosta mill-impriżi ewlenin tal-pajjiż, magħduda entitajiet parastatali[85]). Il-fatt li dawn il-forzi setgħu kienu jinkludu pjan maħsub u mfassal biex iġib lill-Bank għarkubbtejh ma jibdel xejn mill-fatt (u mill-konsegwenza legali) li l-Bank ma kienx f'qagħda li jkompli jaħdem f'dawk iċ-ċirkostanzi f'xifer l-insolvenza[86] jew, tal-anqas, fil-qagħda ta' nuqqas ta' likwidita' li f'dawk il-jiem kruċjali kien għaddej minnha;

"Fit-tielet lok, il-kwestjoni tal-valur ta' sehem f'kumpannija mil-lat legali jaf ikollha tifsira partikolari. Kemm hu hekk, l-awturi jgħallmu li "*although share capital is represented by real capital, the value of shares does not always correspond to that of the underlying net assets. The value of shares depends on the number of shares offered by sellers and sought by buyers at any particular time*"[87]. B'mod partikolari, huwa aċċettat li "*the nominal value of shares provides no measure of their real value, that is, the price which a willing purchaser will pay for them. ... the real value is, of course, the one which is of practical concern to the shareholder, and is the one which underlies many of the rules of company law.*"[88] Minn dak li ħareġ mill-atti tal-kawża, fil-jiem li l-atturi *proprio* ntalbu jiffirmaw iċ-ċessjoni tal-ishma tagħhom fil-Bank ftit hemm dubju li qajla kien hawn min ried joħroġ flus minn butu biex jixtri dawk l-ishma mingħand l-azzjonisti tal-istess Bank, ukoll kieku dawn l-istess azzjonisti kienu mħajra jitilquhom minn idejhom;

"Illi, fir-raba' lok, id-dikjarazzjoni li l-ishma ma kien għad fadlilhom l-ebda valur hija waħda mill-motivazzjonijiet li bihom is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili awtoriżżat it-trasferiment (bla konsiderazzjoni) tal-ishma ta' dawk li ma kellhomx il-kapaċita' ċivili li jagħmlu dan mingħajr l-awtoriżżazzjoni u l-ħarsien ta' qorti. Fi kliem ieħor, dak il-provvediment ta' dik il-Qorti kien pronunċjament ġudizzjarju tal-qagħda li kienet ħarġet sewwasew f'dak il-waqt u mhux ta' impressjoni li ssawret żmien wara l-fatti. Din il-fehma ittenniet mill-istess imħallef li ta dak il-provvediment meta ta x-xhieda tiegħu fuq iċ-ċirkostanzi

[85] Xhieda ta' James Gollcher 30.10.1990, f'paġ. 398 tal-proċess
[86] Xhieda tal-P.L. Joseph Żammit 27.3.1992, f'paġ. 404 tal-proċess
[87] Farrar & Hannigan Farrar's Company Law (4th Edit 1998), paġ. 157
[88] R.R. Pennington Pennington's Company Law (8th Edit, 2001), f'paġ. 163

prevalenti dak inhar li l-Qorti tatu[89]. Il-Qorti qrat bi tħassib il-kummenti qawwija li saru mill-attriċi dwar l-imsemmi degriet u l-proċeduri li wasslu għalih: iżda hija tal-fehma sħiħa li, sakemm l-istess provvediment ma jkunx infiċjat jew impunjat, ikollu l-karattru ta' fatt li, bħal sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, "*pro veritate habetur*";

"Illi għall-Qorti dawn huma raġunijiet u ċirkostanzi li jmieru l-każ ta' NBMI fuq din il-kawżali u jdgħajfuha fil-qofol tagħha, għaliex minħabba f'hekk ma jistax jingħad li meta l-atturi *proprio* kienu ffirmaw il-kitba rispettiva tagħhom biex jassenjaw l-ishma tagħhom kienu qegħdin b'xi mod jissimulaw l-istess kitba jew jagħmlu dikjarazzjoni li ma għandhiex mis-sewwa. F'dan ir-rigward, il-Qorti terġa' ssemmi l-kwalifika li saret fil-kitba tal-assenjazzjoni tal-atturi Benċini u von Brockdorff (dwar il-kundizzjoni tal-ħtieġa li ssir l-assenjazzjoni) liema kwalifika tieħu tifsira tabilħaqq rilevanti għal din il-konsiderazzjoni;

"Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li din il-kawżali tal-azzjoni attriċi hija mistħoqqa biex twaqqa' l-kitbiet ta' assenjazzjoni li saru mill-atturi *proprio* u m'hijiex sejra tilqagħha;

"Illi dwar il-**kawżali li l-atti ta' trasferiment ma jiswewx minħabba li saru b'kitba privata u mhux b'att nutarili pubbliku**. Il-partijiet f'din il-kawża ma jaqblux dwar in-natura tal-atti ta' trasferiment. Minħabba li l-kitbiet jgħidu li t-trasferiment sar "*without consideration*", NBMI tgħid li n-negozju kien, fis-sewwa, donazzjoni. L-imħarrkin jiċħdu dan u jisħqu li t-trasferiment kien assenjazzjoni ta' jedd fis-sura ta' "att normali ta' kummerċ". NBMI tgħid li donazzjoni trid issir, taħt piena ta' nullita', b'att pubbliku għaliex hekk tgħid il-liġi. L-imħarrkin jgħidu li, wkoll kieku wieħed kellu, għall-grazzja tal-argument, jaċċetta li l-atti ta' trasferiment kienu donazzjoni, dawn kienu ta' għamla li l-liġi nnifisha teżenta milli jsiru b'att pubbliku[90];

"Illi l-Qorti ma taqbilx li l-kitbiet li ffirmaw l-atturi *proprio* kienu tassew donazzjonijiet favur il-Gvern. Kif sewwa tgħid NBMI fis-sottomissjonijiet tagħha, ħadd mill-azzjonisti ma' ffirma l-kitba b'sens ta' għotja u wisq anqas b'mod spontanju li jixhed liberalita'. Il-fatt li t-trasferiment tal-ishma sar mingħajr ma ngħata ħlas ma jġibx b'hekk li dak kien kuntratt ta' donazzjoni. F'kull każ, il-kitba nnifisha tagħmilha ċara li hija "*instrument of transfer of shares*" li jikkostitwixxi għamla ta' ftehim bejn żewġ partijiet magħruf mil-liġi.

[89] Affidavit tal-Imħallef Joseph Xuereb 23.2.1994 f'paġġ. 97B - 97Ċ tal-Atti tal-Kawża 389/92 Kost
[90] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġġ. 662 – 3 tal-proċess

> Ftehim bħal dan ma jitlobx il-formalita' tal-att pubbliku għax il-kitba privata tkun biżżejjed[91]. Għalkemm dawk l-ishma kienu f'kumpannija li kienet bank kummerċjali, fiż-żmien li saru l-kitbiet din il-formalita' tal-kitba (u mhux bilfors tal-att pubbliku) kienet biżżejjed għas-siwi tat-trasferiment;

> "Illi għalhekk il-Qorti ssib li din il-kawżali tat-tħassir tal-kitbiet mertu tal-każ mhijiex mistħoqqa lanqas;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … thassar u tannulla s-sentenza appellata moghtija fid-9 ta' Jannar 2014 fil-kawza fl-ismijiet premessi u, minflok, taqta' l-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, jissottomettu illi l-appell tal-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

---

[91] Ara art. 118(1) tal-Kap 386 u A. Muscat *Principles of Maltese Company Law* (2007) Kap 12 §§ 4.3.1.5 u.6.1, f'paġġ. 794 – 5 u 803 – 4

Ikkonsidrat:

Illi f'din l-azzjoni l-atturi qed jitolbu r-rexxissjoni tat-trasferiment lill-Gvern li fl-1974 ghamlu bla hlas tal-ishma li kellhom fin-National Bank of Malta, u dan peress illi jissottomettu li t-trasferiment huwa milqut b'vizzju tal-kunsens (senjament bi zball u vjolenza), u sar minghajr *causa*. L-azzjoni tressqet minn socjeta` li lilha gew assenjati d-drittijiet litigjuzi tal-azzjonisti milquta.

L-ewwel Qorti, fil-parti preliminari taghha, specjalment fis-sezzjoni li fiha ttrattat il-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza, ghamlet analizi tal-istorja u tac-cirkostanzi li waslu ghal din il-kawza, b'mod li din il-Qorti ma tarax bzonn li hi tirrepeti l-fatti li wasslu ghan-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet f'din il-kawza.

L-ewwel Qorti, kif inghad, wara li qieset ic-cirkostanzi fid-dawl tal-principji legali applikabbli, cahdet it-talbiet attrici ghax qalet li ma saretx il-prova ta' dak allegat mill-istess atturi.

L-atturi appellaw mis-sentenza u ressqu diversi sottomissjonijiet li bazikament jirriflettu l-argumenti li kienu ressqu quddiem l-ewwel Qorti, b'invit lil din il-Qorti biex tirrevedi l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, u dan fid-dawl tal-applikazzjoni korretta tal-principji legali li jirregolaw azzjoni simili.

Trattat l-appell, din il-Qorti trid qbel xejn tirrimarka, li fil-waqt li meta tigi biex tiddeciedi, qorti trid tqis l-isfond politiku, socjali u ekonomiku tal-pajjiz fiz-zmien rilevanti, trid issir il-prova tal-effett li dan l-isfond kellu fuq l-atturi fil-kawza, aktar u aktar f'dan il-kaz, li hu relatat mal-kunsens ta' parti fit-transazzjoni, liema kunsens hu, ovvjament, fattur personali ghall-individwu koncernat. F'dan il-kaz, xehdu diversi persuni b'mod generali dwar l-ambjent politiku ta' dawk iz-zminijiet, pero`, l-atturi appellanti ma xehdux sabiex jitfghu dawl fuq x'effett dak l-ambjent kellu fuq l-istat tal-animu taghhom u, partikolarment, fuq il-kunsens individwali taghhom.  Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, dawn il-qrati ma humiex imsejha jghaddu gudizzju storiku tal-grajja li waslet ghal din il-procedura, izda jekk il-kunsens tal-atturi involuti kienx verament affett minn vizzju, u l-posizzjoni tal-atturi milquta, jinghad mill-ewwel, tidghajjef fid-dawl tac-cirkostanza li huma ma xehdux f'din il-kawza.

Din il-Qorti giet mitluba tqis dak li kien maghruf mal-pubbliku dak iz-zmien u l-biza li, skont l-atturi, kienet tirrenja fil-pajjiz.  Li tista' tghid din il-Qorti, pero`, hu li f'dik l-epoka kien hemm opinjonijiet differenti u anke direttament opposti, u l-Qorti ma tistax tghid li l-"opinjoni pubblika" kienet naha jew ohra.  Hafna nies xehdu dwar x'semghu u x'kienet fil-fehma taghhom il-vox popoli, pero`, il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dawn ghax tasal li tirriduci l-kawza ghal-livell tal-pjazzez.

Anke jekk din il-kawza tista' titqies bhala 'test case', trid timxi fuq il-binari taghha, u l-provi jridu jigu meqjusa fil-kuntest tal-interess tal-partijiet fil-kawza u mhux ukoll li tinghata konjizzjoni ghall-fini aktar wiesa illi kellha din il-kawza. Din il-kawza setghet kienet intiza biex twettaq it-triq ghall-ohrajn milquta bl-istess mod, pero`, l-atturi huma dawk li huma, u hi fil-konfront taghhom li l-kawza trid tigi mistharrga u eventwalment deciza.

Meqjus issa l-meritu, l-atturi, fl-ewwel lok jirreklamaw in-nullita` tat-trasferiment a bazi ta' zball ta' fatt. In linea generali, din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Spiteri v. Associated Supplies Ltd.** deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003, qalet hekk dwar x'ghandu jirrizulta biex tirnexxi azzjoni ta' rexxissjoni a bazi ta' zball ta' fatt:

> "*Fir-rigward hi gurisprudenza pacifika illi biex jinvalida ftehim l-izball irid ikun sostanzjali, skuzabbli u determinant. Dan tal-ahhar fis-sens li minghajru l-parti li tkun ikkuntrattat taht l-izball ma kenitx taghti l-kunsens taghha kieku kienet ta fil-verita`. (Ara* ***Michael Cachia - v.- Dr. Frank X. Vassallo****, Appell Civili, 20 ta' Ottubru 1961), Kwantu ghal kriterju tas-sostanzjalita` jinsab generalment ritenut li zball soggettiv jista' jkun bizzejjed (Vol XXIV pl p1131; Vol XXXIV pIII p753). Gie pero` aktar approfondit illi ghalkemm zbalji ta' natura soggettiva kapaci jikkondizzjonaw il-kunsens fl-attur dawn "ma jikkostitwixxux l-izball oggettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita` preciza, il-kawlita` intrinsika tal-oggett, li huwa l-izball li l-ligi tirrikonoxxi bhala l-element li effettivament jannulla l-kunsens mehtieg ghall-validita` ta' kull kuntratt" –* ***Spiridione Cauchi v. Amelia Borg et****, Appell, 11 ta' Gunju 1992.*
>
> *"Fl-ahharnett, biex zball jitqies skuzabbli dan jigri meta jkun kawzat mill-fatt tal-parti l-ohra. Anke hawn pero` gie ritenut illi ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fattijiet li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli (Vol L pll p434).*"

Fil-kuntest ta’ dan il-kaz, kien x’kien il-meritu li wassal lill-atturi jiffirmaw it-trasferiment, ma jirrizultax illi huma kienu fi zball fuq dak li ffirmaw. Huma ffirmaw precizament dak li l-volonta` interna taghhom riedet li jiffirmaw. Biex jirrizulta zball ta’ fatt irid ikun hemm disformita` jew nuqqas ta’ qbil bejn il-volonta` interna u l-manifestazzjoni esterna taghha, bhal meta wiehed jidhol f’hanut bi hsieb li jixtri curkett tad-deheb, izda jindirizza l-kunsens tieghu lejn l-akkwist ta’ wiehed tal-bronz. L-atturi, f’dan il-kaz, kienu jafu ghal x’hiex qed jiffirmaw u cioe`, ir-rilaxx tal-ishma bil-bank in kwistjoni lill-Gvern ta’ Malta. Ma kienx il-kaz li minghalihom se jiffirmaw ghal xi haga, izda bi zball iffirmaw ghal xi haga ohra. L-izball irid ikun fil-kuntratt u mhux fil-motivazzjoni. Kienu jafu li qed jerhu l-ishma li kellhom fil-bank in kwistjoni minghajr hlas fi flus ghax l-ishma gew meqjusa bla valur intrinsiku. Jekk persuna tiffirma ghal xi haga bil-pjena konoxxenza ta’ dak li kienet qed taghmel, u wara tinduna li ghamlet kalkolu hazin, ma tistax tinvoka l-kriterju ta’ zball biex thassar il-kuntratt. Jekk il-parir li hadu l-atturi dwar il-valur tal-ishma, kien zbaljat, ir-rimedju taghhom, se mai, jista’ jkun dirett lejn min irilaxxja dak il-parir, pero`, ma jistax jinghad li kienu fi zball dwar is-sustanza tal-oggett in kontratazzjoni.

Il-Qorti tfakkar li, hlief fil-kuntest ta’ minuri, fis-sistema guridika Maltija ma jezistix il-kuncett ta’ lezjoni, li in forza tieghu parti f’kuntratt ikun jista’ jhassar negozju jekk jirrizulta li jkun ta’ hsara kbira ghalih. Fl-Italia, per ezempju, parti

fuq kuntratt jista’ jinvoka lezjoni jekk il-korrispettiv ikun anqas min-nofs il-valur reali tal-haga li hu ta’ in kontro-kambju. Rimedju simili ma jezistix hawn Malta, u l-fatt li parti ghamlet negozju tajjeb u l-iehor wiehed hazin ma jwassalx wahdu ghat-thassir tal-kuntratt.

F’dan il-kaz, l-atturi jallegaw li l-ishma xi valur kellhom, pero`, kemm ma kienux jafu u jghidu li kien hemm problema fuq dan. Kellhom opinjoni li l-ishma ma kellhomx valur intrinsiku, u kien fid-dawl ta’ dawn il-fatti li accettaw li jiffirmaw it-trasferiment. Zball ta’ kalkolu li wassal ghall-att iffirmat, mhux zball li trid il-ligi, darba li huma “riedu” dak li ffirmaw. Dak li fl-intern taghhom riedu jaghmlu, ghamluh bla zball, u ma kien hemm ebda diskordju dwar l-identita` preciza, il-kwalita` intrinsika, tal-oggett u t-trasferiment tal-ishma bla hlas fi flus.

Ma jistax jinghad, kwindi, li kien jezisti l-izball ta’ fatt kif koncepit fil-ligi.

Fil-kuntest tal-pretensjoni ta’ vizzju ta’ kunsens minhabba vjolenza, din il-Qorti tibda biex tirrimarka li parti ma tistax tinvoka vjolenza fis-sens tal-ligi meta, skont hi, tkun kostretta tidhol f’kuntratt minhabba c-cirkostanzi ekonomici hziena li ssib ruhha fihom konsegwenza ta’ dak li jkun qed jigri fis-suq. Il-vjolenza trid tkun rizultat tal-agir ta’ persuna ohra, u mhux tas-sitwazzjoni

ekonomika li tkun fis-sehh fiz-zmien. Li jfisser, ghal kaz in ezami, li sa fejn dak li gara huwa konsegwenzjali ghar-*run* mid-depozitarji li kien hemm fuq il-bank tal-azzjonisti atturi, ma jistax jinghad li dan jista' jwassal ghall-vjolenza li trid il-ligi, darba li ma giex pruvat li dan ir-*run* kien orkestrat mill-konvenuti. Kien minhabba dan ir-*run* fuq bank importanti f'Malta li l-gvern tal-gurnata hass li kellu jintervjeni minhabba l-effett li l-falliment jew waqa' tal-bank seta' jkollu fuq l-istabbilita` ekonomika tal-pajjiz. Ovvjament, nonostante dan, il-gvern, biex ihares l-interessi tal-pajjiz, ma kellu ebda dritt li, ghall-fini ta' din il-kawza, jagixxi b'mod "vjolenti" mal-istess azzjonisti. Hu dak li din il-Qorti trid issa tezamina, u cioe`, jekk kienx hemm il-"vjolenza morali" li trid il-ligi biex jigi rexxiss kuntratt.

Fil-principju, kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Busuttil noe v. Zahra** deciza fil-25 ta' Marzu, 2004.

> "*Skond il-gurisprudenza lokali, "biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti" – "Aquilina vs Ganado", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Gunju, 1995. Din il-Qorti fil-kawza "Grech vs Farrugia", deciza fit-3 ta' Mejju, 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu, u qatt ma giet estiza b'mod li tnehhi l-bargaining power li jista' jkollu kontraent fuq iehor.*"

Hekk ukoll din il-Qorti, fil-kawza **Cefai noe v. Valletta Freight Services Ltd**, deciza fit-3 ta' Novembru 2006, din il-Qorti wara li rat li s-sahha ekonomika bejn iz-zewg partijiet fil-kawza m'hijiex l-istess, osservat li:

> "*Ghalhekk wiehed ma jistagibx li l-parti l-aktar qawwija timponi fuq il-parti l-aktar dghajfa kundizzjonijiet li l-ahhar imsemmija parti ma tkunx tixtieq li jigu imposti fuqha fil-ftehim. Madanakollu dan ma jfissirx li necessarjament ikun hemm vizzju tal-kunsens. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata "mhux kull meta ma tiehux dak kollu li tixtieq il-kunsens tieghek ikun ghalhekk vizzjat.*"

Dan ifisser li s-"*sahha*" li kellu l-gvern fin-negozjati li wasslu ghat-trasferiment meritu ta' din il-kawza, ma ghandux jitqies bhala agir vjolenti, jekk ikun agixxa fil-limiti tal-poteri tieghu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ghamlet ezami korrett tac-cirkostanzi saljenti li jolqtu l-kaz. Meta beda r-*run* fuq il-bank, kien car li f'dawk ic-cirkostanzi ta' paniku u telf ta' fiducja fl-istess bank, il-bank qatt ma seta' jopera regolarment u kien hu stess li talab l-intervent tal-Gvern; f'temp ta' ftit sieghat kienu ngibdu madwar Lm1.3 miljun. Is-sitwazzjoni baqghet gravi anke meta l-gvern awtorizza moritorium fuq il-gbid tad-depoziti ghal certu zmien. Il-gvern ma accettax li jkun hemm l-intervent tal-Bank Centrali ta' Malta, decizjoni li l-atturi jghidu li kienet ta' hsara kbira ghalihom, pero` kienet decizjoni li tidhol fil-pregorattiva tal-gvern ta' dak iz-zmien, li kellu jikkonsidra mhux biss l-interessi tal-azzjonisti tal-bank, izda wkoll u fuq kollox l-interessi u

l-istabbilita` ekonomika tal-pajjiz. Il-Bank Centrali ghandu l-fakolta` ikun "*lender of last resort*", pero`, kellu jara jekk hux kaz ta' problema temporanja jew kwistjoni ta' solvenza. Il-Bank irid ikun kwazi cert li se jiehu flusu lura, ghax il-flus li jislef huma tal-istat, u l-intervent tieghu jrid ikun dejjem dettat mill-interess nazzjonali. F'kull kaz, hawn mhux il-kamp fejn isir stharrig gudizzjarju ("*judicial review*") tal-ghemil tal-gvern, u din il-Qorti ma gietx mitluba tistharreg il-legittima jew ir-ragjonevolezza ta' dik id-decizjoni. Dik kienet decizjoni li setghet tittiehed skont il-ligi u li tinkwadra ruhha fis-setghat tal-gvern ta' dak iz-zmien.

Li hu zgur hu li minhabba pressjoni mahluqa mid-domanda ghall-flus in kontanti ta' kwantita` kbira ta' depozitanti, il-bank kien wasal f'sitwazzjoni li minghajr l-intervent tal-gvern, ma setax jaqdi d-dmirijiet tieghu lejn il-klijenti tieghu, b'possibbilita` kbira li l-istess bank ifalli. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-gvern ra li ma kienx jaqbel li jhalli l-bank ifalli, bil-konsegwenzi koroh li dan jista' jkollu fuq il-pajjiz. Accetta li jintervjeni, b'dan li jiehu l-kontroll tal-bank billi jiehu taht idejh l-ishma minghajr hlas ta' kumpens. Fil-frattemp il-gvern zied il-pressjoni fuq il-bank billi wera li kien lest jirtira mill-bank id-depoziti sostanzjali kollha li kellu fil-bank, mossa li kienet iggib il-bank gharkopptejh. Fid-dawl tar-*run* fuq il-bank, il-fatt li l-gvern iddecieda juza s-*superior bargaining power* tieghu sal-estremi taghha, tista' tigi meqjusa bhala azzjoni politika hazina, izda hija azzjoni li hija r-rizultat tar-*run* fuq id-depoziti tal-bank. B'din it-"theddida" il-gvern kien qed jagixxi biex jiprotegi l-interessi

tieghu u tal-haddiema fil-korporazzjonijiet parastatali, u il-"minaccja" ta' triq legali ma hix meqjusa bhala att ta' vjolazzjoni fis-sens li trid il-ligi.

Skont l-atturi, l-offerta tal-gvern tressqet ukoll bit-theddida li dawk li kienu l-azzjonisti jispiccaw bla protezzjoni inerenti fil-partecipazzjoni taghhom f'socjeta` b'responsabbilita` limitata. Xi kliem intuza bhala theddid u jekk fil-fatt saretx din it-theddida, mhux car. Il-persuna li allegatament ghamlet it-theddida ma gietx mitluba tixhed biex tispjega x'diskors seta' intqal, u l-avukat Dr. Edgar Mizzi li kien involut f'kull stadju tan-negozjati qal li "*I can vouch that no such threat was even made*". Anke Dr. Mario Felice, li z-ziju tieghu kien azzjonist, xehed li hadd ma nfurmah li kien hemm xi theddid qabel ma sar it-trasferiment tal-ishma in kwistjoni. Jista' jkun li ma' whud mill-azzjonisti, bdiet tigri l-kelma li l-gvern seta' jiehu mizura simili, pero`, ezatt x'tip ta' diskors affettivament sar min-naha tal-gvern mhux pruvat konklussivament. Hemm imbaghad, in pessima ipotesi, ix-xhieda tal-avukat Dr. Robert Staines li qal li huwa sema' lill-konvenut Prim Ministru jghid xi haga fis-sens li ntqal, cioe`, li titnehha l-protezzjoni tar-responsabbilita` limitata, pero`, din kienet indirizzata lejn id-direttur tal-bank: "*jiena ma fhimtx li it was referred to the shareholders*". Dak li setghu fehmu l-azzjonisti, jew li gew indotti biex jifhmu minn persuni li kellhom interess, huwa immaterjali fid-dawl tal-fatt li theddida simili fil-konfront taghhom qatt ma saret. Jekk uhud mill-azzjonisti kienu taht dik l-impressjoni meta iffirmaw it-trasferiment, ma hijiex "biza'" gustifikata ghax gejja minn allegat theddida li setghet, izda ma gietx, ivverifikata mal-persuni li kienu

prezenti fil-waqt li suppost sar id-diskors censurat. Kien, se mai, fuq id-dirigenti u d-diretturi tal-bank, kif anke jammettu l-istess atturi, li forsi saret xi forma ta' pressjoni, izda mhux fuq l-azzjonisti nfushom li maghhom il-gvern qatt ma ltaqa'.

Wiehed irid jiftakar li xi ishma kienu f'idejn uhud li ma kellhomx rapprezentanza, u ghal dawn intalab l-awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kif kienet maghrufa dak iz-zmien. Dik il-Qorti, wara li ingibditilha informazzjoni li l-ishma tal-bank kienu bla valur, awtorizzat it-trasferiment tal-ishma tal-azzjonisti ignoti. Dak id-digriet ta' dik il-Qorti qatt ma gie attakkat kif tippermetti l-ligi, u dak id-digriet kien zgur ta' influwenza ghal xi whud mill-azzjonisti meta iddecidew li jaccettaw l-offerta tal-gvern li jiehu l-ishma taht idejh bla hlas.

L-atturi jilmentaw ukoll li ma kellhomx zmien bizzejjed biex jikkonsidraw l-offerta, u uhud minnhom kienu anzjani li facilment sabu ruhhom vittmi tal-"biza"li gew indotti fih. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, tara li, fic-cirkostanzi prevalenti, il-fattur taz-zmien kien impellenti. Jirrizulta pero` li sakemm ittiehdet id-decizjoni li jsir it-trasferiment ghaddew mal-ghoxrin gurnata. Saru u nzammu laqghat, inghataw pariri u ttiehdu opinjonijiet minn persuni fdati, u dan kollu qabel ma l-azzjonisti iddecidew li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet li sarulhom mit-tmexxija tal-bank innifsu.

Fil-kuntest tal-istat ta’ anzjeta` li whud mill-azzjonisti jghidu li sabu ruhhom fiha, din il-Qorti tapprezza li dan seta’ kien minnu, pero`, dan mhux necessarjament iwassal ghall-vjolenza kif trid il-ligi.  Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Camilleri v. Vella**, deciza fid-9 ta’ Gunju, 2003, l-istat ta’ anzjeta` u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, ghax fin-nuqqas ta’ prova ta’ theddida ta’ vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x’inhu jaghmel, il-kuntratt m’ghandux jithassar.

Din il-Qorti tara li, mill-kumpless tal-provi, jirrizulta li kollox jidher li beda mir-*run* li kien qed isir fuq il-bank in kwistjoni, imniedi minn stat ta’ paniku li s-sors tieghu ma giex individwalizzat.  Stat ta’ paniku, pero`, ma jitqiesx bhala vjolenza.  Wara dan, il-gvern, bla ma ried jinvolvi l-ekonomija tal-pajjiz kollu fil-kwistjoni, stqarr li kien lest hu ukoll jaghmel bhad-depozitanti l-ohra u jirtira l-flus li hu kellu depozitati fl-istess bank.  Din giet deskritta bhala d-daqqa “mortali” li gieghlet lid-diretturi tal-bank imorru ghand l-azzjonisti u jirrikmandaw ic-cessjoni tal-ishma taghhom lill-gvern.  Dan ukoll forsi sehh biex l-azzjonisti jikkawtelaw id-depoziti li huma stess kellhom fil-bank, li ma riedux jaraw jintilfu.

Fin-nuqqas ta’ prova, pero`, li r-*run* fuq il-bank kien inizjat minn sorsi governattivi ma jistax jinghad li dak li sar wara jista’ jitqies bhala cirkostanza

ta’ theddida ta’ hsara impellenti fuq l-azzjonisti li jista’ jwassal ghar-rexissjoni tat-trasferiment li sehh.

Fil-kuntest tal-aggravju tal-atturi appellati li l-att ta’ trasferiment huwa null minhabba nuqqas ta’ *causa*, din il-Qorti tibda biex tafferma li mhux mehtieg, biex ikun hemm konsiderazzjoni, li l-*quid pro quo* ikun flus. Kif jghallem it-Torrente “Manuale di Diritto Privato” $9^0$ Ediz. p. 203),

> “*Per ben comprendere il concetto di causa, tutt’altro che semplice, occorre anzitutto tener presente che l’espressione «causa» non e` adoperata nel significato commune, per cui essa designa l’antecedente di un determinato evento (per es.: una determinata malattia fu causa della morte di una persona), ma nel significato di fine, scopo (si ricordi causa con il genitivo in latino: causa credendi a scopo di far credito, causa solvendi per pagare, ecc.).*”

Il-*causa* ikompli jghid, hija l-iskop li n-negozju jimmira li jilhaq, punt li gie enunzjat ukoll minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Mizzi v. Debono**, deciza fil-11 ta’ Jannar, 2006, fejn jinghad li l-*causa* tal-ftehim “*hi identifikata mal-funzjoni ekonomika-socjali tan-negozju*”.

F’din il-kawza, kien il-bank li kien gie soggett ghall-paniku ta’ kull min kellu flus “mislufa” lilu, u kien qieghed miexi lejn il-falliment u l-gheluq tieghu. Sitwazzjoni bhal din taffettwa s-settur finanzjarju kollu tal-pajjiz u jkun mehtieg

li jittiehdu l-mizuri opportuni u malajr. Kienet din l-atmosfera u l-motivazzjoni li wasslu ghall-ftehim li jigu trasferiti l-ishma lill-gvern sabiex is-sitwazzjoni tigi kkontrollata, u d-depoziti li kien hemm fih u n-negozji li kienu jiddependu minnu jkunu jistghu jigu salvati.

F'dak il-mument ta' *run* fuq il-bank, l-opinjoni tal-esperti finanzjarji kienet li l-ishma ma kellhomx valur intrinsiku, u dan peress li l-valur attwali tal-ishma jiddependi hafna fuq id-"*demand*" ghalihom minn xerrejja prospettivi, u f'dak il-mument zgur li hadd ma kien se jidhol biex jakkwista xi ishma. In-nuqqas ta' valur gie konstatat u accettat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kif rajna. Depozitarju principali, il-gvern, kien intima li se jikkawtela hwejjgu billi jirtira l-flus minnu "mislufa" lill-bank. F'dawn ic-cirkostanzi, d-decizjoni li ha l-gvern li jaccetta li jiehu taht idejh it-tmexxija tal-bank, u dan billi jiehu l-ishma bla hlas, ma jistax jinghad li ma kellhiex skop ekonomiku-socjali validu. Kienu l-istess persuni li kellhom it-tmexxija tal-bank li ddikjaraw li l-ishma, f'dak il-mument, ma kienx ghad fadlilhom valur, u kienu l-istess persuni li fethu proceduri legali fejn talbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex l-ishma ta' azzjonisti partikolari jithallew jghaddu ghand il-gvern bla hlas. It-trasferiment li sehh f'dik is-sitwazzjoni sar versu korrispettiv indikat f'dak il-mument. Dan ovvjament jipprexxindi mill-konsiderazzjoni jekk, ghal dak li effettivament kien it-tehid ta' bank bl-assi tieghu, l-awtoritajiet governattivi kellhomx jaghtu kumpens adegwat; fuq dan il-punt hemm proceduri pendenti quddiem qorti ohra.

Darba l-kuntratt bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta' donazzjoni, l-ilment tal-atturi relatat mal-forma li kellu jiehu t-trasferiment huwa bla bazi. Skont il-ligi vigenti dak iz-zmien (senjament l-Artikolu 118(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex isir trasferiment ta' ishma, irid ikun hemm ftehim bil-miktub, izda ma kienx mehtieg li dan isir permezz ta' kuntratt pubbliku, u huwa bizzejjed li l-ftehim isir bi skrittura privata, kif sar f'dan il-kaz. Isegwi li l-aggravju relattiv ghandu jigi michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif stabbiliet l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' dan l-appell jithallsu mill-kumpanija attrici appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------